Nru./No. 20,852
Prezz/Price
€7.38

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Mejju, 2022
Friday, 6th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7833 - 7879
Government Notices ..... *7833 - 7879*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7879 - 7884
Police Notices ..... *7879 - 7884*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7884 - 7886
Notices to Mariners ..... *7884 - 7886*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7886 - 7974
Employment Opportunities ..... *7886 - 7974*

Avviżi tal-Gvern ..... 7974 - 7978
Notices ..... *7974 - 7978*

Offerti ..... 7978 - 7984
Tenders ..... *7978 - 7984*

Avviżi tal-Qorti ..... 7984 - 7992
Court Notices ..... *7984 - 7992*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 480

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 5 ta' Lulju, 2021, mogħtija mill-Qorti tal-Familja ġewwa Pratapgwwa, l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministeru għall-Ġustizzja

Is-6 ta' Mejju, 2022

Nru. 481

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Diana Galea bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Renee Gatt nee Debono u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Mejju, 2022 u l-25 ta' Mejju, 2022.

Illum, 3 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Nru. 482

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Marija Cachia bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Roderick Gatt u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Mejju, 2022 u l-25 ta' Mejju, 2022.

Illum, 3 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

GOVERNMENT NOTICES

No. 480

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 5th July, 2021, issued by the Family Court of Pratapgwwa, India, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th May, 2022

No. 481

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Diana Galea to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Renee Gatt nee Debono, for the period between the 8th May, 2022 and the 25th May, 2022.

Today, the 3rd May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

No. 482

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marija Cachia to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Roderick Gatt, for the period between the 8th May, 2022 and the 25th May, 2022.

Today, the 3rd May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 483

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Istrument Legali	Regolamenti tal-2022 dwar Arranġamenti Ġenerali għad-Dazju tas-Sisa (Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262) ("ir-Regolamenti")
Għan tar-Regolamenti	Li jittrasponu d-dispożizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni). It-traspożizzjoni qed issir taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta), speċifikament bl-introduzzjoni ta' regolamenti taħt l-Att, liema regolamenti huma intitolati "Regolamenti tal-2022 dwar Arranġamenti Ġenerali għall-Armonizzazzjoni tal-Oġġetti tas-Sisa" kif speċifikat fis-Sommarju u Sfond ta' dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni.
Entità responsabbli	Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol (Dipartiment tad-Dwana).

2. Sommarju u sfond

Għall-fini tat-taxxa tas-sisa, oġġetti fl-UE jaqgħu f'żewġ kategoriji ġenerali: oġġetti armonizzati u oġġetti mhux armonizzati. L-oġġetti armonizzati huma: prodotti tal-enerġija, alkoħol u tabakk, filwaqt li l-oġġetti l-oħra kollha huma meqjusa bħala mhux armonizzati.

Il-proċeduri dwar il-moviment ta' merkanzija armonizzata fi ħdan l-Unjoni Ewropea huma regolati minn direttivi tal-UE, għall-kuntrarju tal-moviment ta' merkanzija mhux armonizzata.

L-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE dwar oġġetti armonizzati tmur lura għall-1992 (Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE) liema Direttiva ġiet imħassra fl-2008 permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE. Matul is-snin id-Direttiva tal-2008 ġiet emendata diversi drabi u fl-2019 ġiet promulgata

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skond l-Artikolu 3(2)(c) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

No. 483

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Legal Instrument	General Arrangements for Excise Duty (Council Directive (EU) 2020/262) Regulations, 2022 ("the Regulations").
Aim of the Regulations	To transpose the provisions as required by Article 55 of Council Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast). The transposition is being made under the Excise Duty Act (Chapter 382 of the Laws of Malta), specifically by the introduction of regulations to the act, which regulations are entitled "General Arrangements for Excise Duty (Council Directive (EU) Regulations, 2022" as specified in the Summary and Background Section of these Explanatory Notes.
Responsible entity	Ministry of Finance and Employment (Customs Department).

2. Summary and background

For the purpose of excise tax, goods within the EU falls within two broad categories: harmonised goods and non-harmonized goods. The harmonized goods are: energy products, alcohol and tobacco, while all other goods are held to be non-harmonized.

Procedures regarding the movement of harmonised goods within the European Union are regulated by EU directives, as opposed to the movement of non-harmonised goods.

The first EU legislation on harmonised goods dates back to 1992 (Directive 92/12/EEC) which Directive was repealed in 2008 through Council Directive 2008/118/EC. Over the years the 2008 Directive was amended a number of times and in 2019 a recast directive was enacted (Council

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

direttiva riformulata (id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262) (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva 262/2020" jew id-"Direttiva").

L-Avviż Legali attwali jittrasponi parzjalment id-Direttiva tal-Kunsill 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni), bl-introduzzjoni ta' regolamenti taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 jeħtieġ li sal-31 ta' Diċembru 2021 l-Istati Membri jittrasponu fil-liġi domestika l-Artikoli 2, 3, 6, 12, 16, 17, 19 sa 22, 25 sa 29, 33 sa 46, 54 u 55 u 57 tad-Direttiva. Dawn l-artikoli, flimkien mal-artikoli l-oħra tad-Direttiva għandhom jidħlu fis-seħħ fit-13 ta' Frar 2023.

Numru sinifikanti ta' bidliet introdotti mid-Direttiva 2020/262 huma ta' natura kożmetika, l-aktar minħabba li jagħmlu bidliet żgħar fid-definizzjonijiet li jinsabu fid-direttivi aktar qodma. Pereżempju operazzjonijiet ta' ħażna għandhom jiġu inklużi wkoll fid-definizzjoni ta› «arranġament ta› sospensjoni tad-dazju», flimkien mal-produzzjoni, l-ipproċessar, iż-żamma jew it-transitu. Bl-istess mod, attivitajiet ta' ħażna huma inklużi wkoll fit-tifsiriet ta' "maħżen tat-taxxa". Dawn il-bidliet ma tantx ibiddlu l-operat ta' kuljum tan-negozji, liema operazzjonijiet huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill preċedenti (2008/118/KE), li kienet trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Att Dwar Dazju Tas-Sisa, Kapitolu 382.

Id-Direttiva 2020/262 tintroduċi proċedura ġdida li tagħmilha aktar faċli għan-negozji fi Stat Membru wieħed biex jakkwistaw oġġetti tas-sisa armonizzati li kienu diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor tal-UE. Dan ifisser li l-oġġetti tas-sisa armonizzati li kienu diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed jistgħu jinbiegħu fi stat membru ieħor tal-UE permezz tal-proċedura simplifikata ġdida, li tagħmilha aktar faċli għan-negozji biex jevitaw li jkollhom iħallsu t-taxxa tas-sisa darbtejn.

Fil-preżent, negozju li jixtieq jakkwista oġġetti tas-sisa minn negozju fi Stat Membru ieħor huwa obbligat li jsegwi proċeduri onerużi u għandu numru aktar limitat ta' forniturі barranin minn fejn jagħżel. Dan għaliex il-proċedura fil-biċċa l-kbira tinvolvi l-akkwist ta' oġġetti tas-sisa minn maħżen tat-taxxa ieħor fi stati membri oħra tal-UE (u inqas negozji huma rreġistrati bħala mħażen tat-taxxa fi stati membri oħra). Hemm ukoll riskju akbar li wieħed ikollu jħallas id-dazju tas-sisa darbtejn,fiż-żewġ Stati Membri tal-UE.

Din id-Direttiva għalhekk teħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw proċedura li tagħmilha aktar faċli għal negozju li jakkwista oġġetti tas-sisa li ġew rilaxxati għall-

The current Legal Notice partially transposes Council Directive 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast), by the introduction of regulations under the Excise Duty Act, Chapter 382 of the Laws of Malta.

Article 55 of Council Directive (EU) 2020/262 requires that by the 31 December 2021 Member states transpose into domestic law Articles 2, 3, 6, 12, 16, 17, 19 to 22, 25 to 29, 33 to 46, 54 and 55 and 57 of the Directive. These articles, together with the other articles of the Directive shall come into force on 13 February 2023.

A significant number of the changes introduced by Directive 2020/262 are cosmetic in nature, largely because they make minor changes to definitions found in the older directives. For example storage operations are also to be included in the definition of "duty suspension arrangement", along with "production, processing, holding or movement". Likewise, storage activities are also included in the definition of "tax warehouse". These changes do not alter much the day-to-day operations of businesses, which operations are largely based on the former Council Directive (2008/118/EC), that was transposed into Maltese law in the Excise Duty Act, Chapter 382.

Directive 2020/262 introduces a novel procedure that makes it easier for businesses in one member state to acquire harmonised excise goods that were already released for consumption in another EU Member State. This means that harmonised excise goods that were already released for consumption in one Member State may be sold in another EU member state through the new simplified procedure, making it easier to for businesses to avoid having to pay excise tax twice.

At present, a business that wishes to acquire excise goods from a business in another Member State is obliged to follow onerous procedures and has a more limited number of foreign suppliers to choose from. This is because the procedure largely involves acquiring excise goods from another tax warehouse in other EU member states (fewer businesses are registered as tax warehouses in other member states). There is also a greater risk of having to pay excise duty twice, in both EU Member States.

This Directive therefore requires Member States to implement a procedure that makes it easier for a business to acquire excise goods that were released for consumption

konsum fi Stat Membru ieħor u jbigħuhom fi Stat Membru ieħor, mingħajr ma jkun hemm ir-riskju li jkollu jħallas it-taxxa tas-sisa darbtejn. Dan isir prinċipalment permezz ta':

1) L-introduzzjoni tat-termini "destinatarju ċċertifikat" u "konsenjatur iċċertifikat";

2) L-introduzzjoni tat-terminu "Dokument Amministrattiv Elettroniku Ssimplifikat".

Permezz ta' dawn il-mezzi, in-negozji fl-Istati Membri tal-UE se jkollhom numru akbar ta' fornituri li mingħandhom jistgħu jakkwistaw oġġetti armonizzati u jiġu rimborżati faċilment għat-taxxa tas-sisa mħallsa. Ir-rimborż jista' jseħħ meta l-oġġetti jiġu trasferiti minn imħażen tat-taxxa (f'Membru Stat ieħor) jew meta l-oġġetti jiġu trasferiti taħt proċedura ta' arrangament ta' sospensjoni tad-dazju.

L-avviż legali propost jittrasponi d-dispożizzjonijiet kif meħtieġ mill-Artikolu 55 tad-Direttiva 2020/262 permezz tal-istabbiliment ta' regolamenti għall-Att. Ir-Regolamenti jirregolaw il-proċedura relatata ma' oġġetti armonizzati (jiġifieri prodotti tal-enerġija u elettriku, tabakk u xorb alkoħoliku). Il-Ministru jista' wkoll jintroduċi oġġetti tas-sisa oħra li jistgħu jiġu ttrattati bl-istess proċedura bħat-tliet oġġetti tas-sisa ewlenin.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

L-istrument jikkonsisti f' 27 regolament.

Ir-regolament 1 jistabbilixxi t-titolu tal-istrument, l-iskop tiegħu u klawżola ta' dħul fis-seħħ, jiġifieri li l-istrument għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tista' tiġi stabbilita mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

Ir-regolament 2 jirrelata mal-applikabbiltà, filwaqt li r-regolament 3 (id-dispożizzjoni tal-interpretazzjoni) jiddefinixxi t-termini għall-finijiet tar-Regolamenti.

Ir-regolamenti 4-27 jikkostitwixxu d-dispożizzjonijiet sostantivi tar-regolamenti.

Ir-regolamenti li għadhom kif ġew stabbiliti għall-Kapitolu 382 jimxu mal-istess struttura tad-Direttiva u l-artikoli ġew trasposti kronoloġikament (bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 12 u 17).

Oġġetti tas-sisa armonizzati huma regolati kemm mill-artikoli ewlenin tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa kif ukoll mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti. Għalhekk, numru ta' dispożizzjonijiet fir-Regolamenti li għadhom kif ġew stabbiliti jirreferu għal artikoli oħra tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

in another Member State and sell them in another, without running the risk of having to pay excise tax twice. This is done mainly through:

1) The establishment of a "certified consignee" and "certified consignor";

2) The establishment of a Simplified Electronic Administrative Document.

Through these means, businesses in EU Member States will have a larger number of suppliers from whom they can acquire harmonised goods and be easily reimbursed for the excise tax paid. The reimbursement may take place when goods are transferred from tax warehouses (in another Member State) or when the goods transferred under a duty suspension arrangement.

The proposed legal notice transposes the provisions as required by Article 55 of Directive 2020/262 through the establishment of regulations to the Act. The Regulations govern the procedure relating to harmonised goods (namely energy and electricity products, tobacco and alcoholic beverages). The Minister may also designate other excisable goods that may be treated with the same procedure as the three main excise goods.

3. Overview of the structure of the instrument

The instrument consists of 27 regulations.

Regulation 1 establishes the title of the instrument, its scope and contains a commencement clause, namely that the instrument shall come into force on such date as may be established by the Minister by means of a notice in the Gazette.

Regulation 2 relates to applicability, while regulation 3 (the interpretation provision) defines the terms for the purposes of the regulations.

Regulations 4-27 constitute the substantive provisions of the regulations.

The newly established Regulations to Chapter 382 follow the Directive's same structure and the articles were chronologically transposed (with the exception of Article 12 and 17).

Harmonised excise goods are regulated both by the main articles of the Excise Duty Act as well as the provisions of these Regulations. Therefore, a number of provisions in the newly established Regulations refer to other articles of the Excise Duty Act.

4. Kummentarju dwar partijiet u regolamenti

Regolament Nru. tal-Istrument Legali	Tifsira u obbligi mqiegħda fuq l-utent
	Jirregola l-punt tat-taxxa (meta d-dazju tas-sisa għandu jitħallas) għall-oġġetti tas-sisa armonizzati li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 262/2020. Il-punt tat-taxxa ma nbidilx, madankollu, il-punt tat-taxxa kif definit fir-regolament il-ġdid:
4	1) jispeċifika li l-ħin tat-tluq minn arranġament ta' sospensjoni tad-dazju, iseħħ fiż-żmien: a) meta d-destinatarju rreġistrat jirċievi l-oġġetti mill-maħżen tat-taxxa, jew b) f'każijiet fejn l-oġġetti jiġu trasferiti minn maħżen tat-taxxa għal ieħor, l-oġġetti li għandhom jiġu riċevuti minn destinatarju msemmi fl-Artikolu 14(2) tal-Att, jirċievu oġġetti mill-maħżen tat-taxxa. jew c) meta l- oġġetti titmexxa mill-post ta' importazzjoni taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju.
	2) Jiċċara li l-qerda totali jew it-telf irrimedjabbli (totali jew parzjali) ta' oġġetti taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju bħala riżultat ta' ċirkostanzi imprevedibbli jew forza maġġuri m'għandhomx jitqiesu bħala "rilaxx għall-konsum".
	3) Iżid li telf parzjali minħabba n-natura tal- oġġetti li jseħħ waqt moviment taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju bejn Malta u Stat Membru ieħor m'għandux jitqies bħala rilaxx għall-konsum sakemm l-ammont ta' telf jaqa' taħt it-telf parzjali komuni. limitu għal dawk l-oġġetti tas-sisa, sakemm il-Kummissarju tat-Taxxi (il-Kummissarju) ma jkollux raġuni raġonevoli biex jissuspetta frodi jew irregolarità. F'tali każ, dik il-parti ta' telf parzjali li taqbeż il-limitu komuni ta' telf parzjali għal dawk l-oġġetti tas-sisa għandha tiġi ttrattata bħala rilaxx għall-konsum.

4. Commentary on parts and regulations

Legal Instrument regulation No.	Meaning & obligations placed on user
	Governs the tax point (when excise duty is payable) for the harmonised excise goods falling within the scope of Directive 2020/262. The tax point has not changed, however, the tax point as defined in the new regulation:
4	1) specifies that the time of departure from a duty suspension arrangement, occurs at the time: a) when the registered consignee receives the goods from the tax warehouse, or b) in cases where goods are transferred from a tax warehouse to another, the goods to be received by a consignee referred to in Article 14(2) of the Act, receives goods from the tax warehouse. or c) when goods are moved from the place of importation under a duty suspension arrangement.
	2) Clarifies that the total destruction or irretrievable loss (total or partial) of goods under a duty suspension arrangement as a result of unforeseeable circumstances or *force majeure* shall not be considered as a "release for consumption".
	3) Adds that partial loss due to the nature of the goods that occurs during a movement under a duty suspension arrangement between Malta and another Member State shall not be considered as a release for consumption in so far as the amount of loss falls below the common partial loss threshold for those excise goods, unless the Commissioner for Revenue (the Commissioner) has reasonable cause to suspect fraud or irregularity. In such case, that part of a partial loss which exceeds the common partial loss threshold for those excise goods shall be treated as a release for consumption.

Dan ir-regolament jispjega l-każijiet meta l-oġġetti tas-sisa jistgħu jiġu mċaqalqa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju fi ħdan l-UE. Jipprovdi li l-oġġetti jistgħu jiġu mċaqalqa taħt sospensjoni tad-dazju f'ċerti ċirkostanzi (jiġifieri s-sisa ma titħallasx meta l-merkanzija tiġi mċaqalqa f'dawn iċ-ċirkostanzi).

5 Il-merkanzija tiġi mċaqalqa taħt sospensjoni tad-dazju meta tiġi trasferita minn maħżen tat-taxxa għal maħżen tat-taxxa ieħor, għal destinatarju reġistrat, sal-punt tal-ħruġ (meta titlaq mill-UE), lejn persuna eżentata jew il-punt tal-ħruġ meta l-oġġetti jkunu qed joħorġu permezz tal-proċedura ta' tranżitu estern. Bl-istess mod hemm ukoll sospensjoni tad-dazju meta l-merkanzija titmexxa mill-post tal-importazzjoni għaċ-ċirkostanzi diġà msemmija.

Ir-regolament 6 iżid aktar dettall mar-regolament 5 billi jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-moviment tal-oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju.

Fil-qosor, ir-regolament 6(1) jipprovdi li l-arranġament tas-sospensjoni tad-dazju jieqaf:

a) Meta l-moviment fil-paragrafi 5(a) (i), (ii) u (iv) u r-regolament 5(b) jasal għand id-destinatarju reġistrat;

b) Fil-każ ta' 5(a)(iii) fil-mument li l-oġġetti jitilqu mit-territorju tal-Unjoni;

6 (ċ) Fil-każ ta' 5(a)(v) meta tinbeda proċedura ta' tranżitu estern;

Fil-qosor, ir-regolament 6(2) jipprovdi li l-arranġament tas-sospensjoni tad-dazju jibda:

a) Meta l-oġġetti jitilqu mill-maħżen tat-taxxa, u

b) Mal-wasla fl-UE u r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

This regulation spells out the instances when excise goods may be moved under a duty suspension arrangement within the EU. It provides that goods may be moved under a duty suspension in certain circumstances (i.e. excise not paid when goods are moved in these circumstances). Goods are moved under a duty suspension when being

5 transferred from a tax warehouse to another tax warehouse, to a registered consignee, to the point of exit (when leaving the EU), to an exempt person or the point of exit when the goods are exiting through the external transit procedure. Likewise there is also duty suspension when the goods are moved from the place of importation to the circumstances already mentioned.

Regulation 6 adds more detail to regulation 5 by specifying the beginning and the end of the movement of goods under duty suspension.

In brief, regulation 6(1) provides that the duty suspension arrangement stops:

a) When the movement in paragraphs 5(a)(i), (ii) and (iv) and regulation 5(b) reach the registered consignee;

b) In case of 5(a)(iii) at the moment the goods leave the territory of the Union;

6 c) In the case of 5(a)(v) when an external transit procedure is commenced;

In brief, regulation 6(2) provides that the duty suspension arrangement starts:

a) When the goods leave the tax warehouse, and

b) Upon arrival within the EU and the release for free circulation in accordance with Article 201 of the Regulation (EU) No 952/2013 of the European Parliament and of the Council of 9 October 2013 laying down the Union Customs Code.

7	Dan jirregola l-abbozz tad-Dokument Amministrattiv Elettroniku, li jakkumpanja l-moviment tal-prodotti tas-sisa. Diġà hemm liġijiet eżistenti li jirregolaw id-Dokument Amministrattiv Elettroniku, partikolarment Parti H tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att. Dan ir-regolament jaqbel mar-regolament 5 tal-Parti H. Ir-regolament il-ġdid ma jintroduċi l-ebda tibdil fil-qafas legali eżistenti dwar id-Dokumenti Amministrattivi Elettroniċi.	**7**	This regulates the draft Electronic Administrative Document, which accompanies movement of excise goods. There are already existing laws which govern the Electronic Administrative Document, namely Part H of the Sixth Schedule to the Act. This regulation mirrors regulation 5 of Part H. The new regulation does not introduce any changes to the existing legal framework on Electronic Administrative Documents.
8	Dan jirregola d-Dokument Amministrattiv Elettroniku, li jakkumpanja l-moviment ta' oġġetti tas-sisa u tinkludi l-informazzjoni li tikkonċerna l-oġġetti tas-sisa li ser jiġu mċaqalqa. Bħalissa d-dokument Amministrattiv Elettroniku huwa rregolat ukoll mill-Parti H tas-Sitt Skeda tal-Att. L-ebda tibdil ma ġieintrodott permezz tar-regolament il-ġdid.	**8**	This regulates the Electronic Administrative Document, which accompanies movement of excise goods and it contains the information concerning the excise goods that are going to be moved. Presently the Electronic Administrative document is also governed by Part H of the Sixth Scheduled to the Act. No changes were introduced via the new regulation.
9	Ir-regolament 9 jipprovdi li d-dikjarant li jimporta oġġetti li huma effettwati b'dawn ir-regolamenti għandu jipprovdi lill-Kummissarju il-kodiċi ta' referenza amministrattiv uniku li jindika l-oġġetti tas-sisa msemmija fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni. Dan il-proċess isir meta timla l-formoli pprovduti mill-Kummissarju.	**9**	Regulation 9 provides that the declarant who imports goods that are effected by these regulations has to provide the Commissioner the unique administrative reference code indicating the excise goods referred to in the export declaration. This process is done when filling the forms provided by the Commissioner.
10	Meta l-prodotti tal-enerġija jkunu ttrasportati bil-baħar lil destinatarju li ma jkunx magħruf definittivament fiż-żmien meta l-konsenjatur jissottometti l-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku, it-trasportatur jista' jitlob lill-Kummissarju biex jawtorizzah iħalli barra d-*data* li tikkonċerna lid-destinatarju fl-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku, iżda din tkun irranġata ġaladarba li d-*data* li tikkonċerna d-destinatarju tkun magħrufa.	**10**	When energy products transported by sea to a consignee who is not definitely known at the time when the consignor submits the draft electronic administrative document, the transporter may ask the Commissioner to authorise him to omit the data concerning the consignee in the draft electronic administrative document, provided that this is rectified once the data concerning the consignee is known.
11	Regolament 11 jittratta l-formalitajiet fl-aħħar ta' moviment ta' oġġetti li jkunu qed jiġu esportati. Dawn il-formalitajiet jolqtu lill-Kummissarju u mhux lill-utent finali, peress li r-regolament jipprevedi li f'ċerti ċirkostanzi l-Kummissarju jista' jkollu bżonn ifassal rapport. Ir-rapport jista' jintbagħat lil Awtoritajiet Doganali ta' Stati Membri oħra.	**11**	Regulation 11 deals with the formalities at the end of a movement of goods being exported. These formalities affect the Commissioner and not the end user, as the regulation provides that in certain circumstances the Commissioner may need to draw up a report. The report may be sent to Customs Authorities of other member states.

Dan ir-regolament jirrifletti r-regolament 12 tat-Taqsima H tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa li diġà jirregola l-proċedura li għandha tiġi adottata mis-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli, il-procedura li tkun segwita meta is-sistema kompjuterizzata issir disponibbli u l-procedura li tkun segwita meta ma jkunx hemmx sistema komputerizzata. Ir-Regolament 12 tar-regolament il-ġdid iżid li:

This regulation mirrors regulation 12 of Part H of the Sixth Schedule of the Excise Duty Act which already regulates the procedure to be adopted when the computerised system is not available, the procedure to be followed once the computerised system becomes available and what procedure to be followed in case that the computerised system is not available at all. Regulation 12 of the new regulation adds that:

12

i) Fejn is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli fl-Istat Membru tad-dispaċċ u l-oġġetti tkun qed titlaq mill-maħżen tat-taxxa biex tiġi esportata barra mill-UE jew tkun se tiċċaqlaq lejn persuna eżentata, il-konsenjatur għandu wkoll ipprovdi kopja tad-dokument ta' riżerva riferut lid-dikjarant.

12

i) Where the computerised system is unavailable in the Member State of dispatch and the goods are leaving the tax warehouse to be exported outside the EU or are going to be moved to an exempted person, the consignor shall also provide a copy of the fallback document referred to the declarant.

ii) F'tali każ, id-dikjarant għandu mbagħad jipprovdi lill-Kummissarju kopja ta' dak id-dokument ta' riżerva, li l-kontenut tiegħu jikkorrispondi mal-oġġetti tas-sisa ddikjarati fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, jew l-identifikatur uniku tad-dokument ta' riżerva

ii) In such case, the declarant shall then provide the Commissioner with a copy of that fallback document, the contents of which correspond to the excise goods declared in the export declaration, or the unique identifier of the fallback document

13

Jirregola il-proċedura ta' riżerva f'kaz li s-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli.

13

Regulates the fallback procedure in case the computerised system is not available.

14

Jirregola liema evidenza hija meħtieġa biex jipprova l-moviment legali tal-oġġetti tas-sisa.

14

Regulates what evidence is required to prove the lawful movement of excise goods.

15

Tintroduċi proċedura għall-moviment ta' oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor u li jkunu qed jiġu mċaqalqa għal skopijiet kummerċjali. Negozju f'Malta li jixtieq jakkwista xi oġġetti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-regolament, liema oġġetti diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor, jista' jagħmel użu minn din il-proċedura għar-rimborż tad-dazju tas-sisa mħallas fl-Istat Membru l-ieħor tal-UE. Negozju li jixtieq jkun rimborżat id-dazju tas-sisa mħallas fuq oġġetti diġà rilaxxati għall-konsum fi stat membru ieħor, jeħtieġ li jkun irreġistrat bħala "destinatarju ċċertifikat

15

Introduces a procedure for the movement of excise goods already released for consumption in another Member State and being moved for commercial purposes. A business in Malta wishing to acquire any of the goods falling within the scope of this regulation, which goods have already been released for consumption in another member state, may make use of this procedure for the reimbursement of excise duty paid in the other EU Member State. A business which would like to seek reimbursement of excise duty paid on goods already released for consumption in another member state, needs to be registered as a "certified

mal-Kummissarju tat-Taxxi u jiġi rimborżat biss jekk l-oġġetti jkunu nxtraw għal negozju li huwa "konsenjatur iċċertifikat" fl-Istat Membru l-ieħor.

consignee" with the Commissioner for Revenue and will only be reimbursed if the goods have been purchased for a business that is a "certified consignor" in the other Member State.

Qabel ma jixtri xi merkanzija minn Stat Membru ieħor tal-UE, l-operatur tan-negozju għandu jinforma lill-Kummissarju li tali negozju għandu jkun qed jixtri l-oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor.

Before purchasing any goods from another EU member state, the business operator must inform the Commissioner that such business shall be purchasing the excise goods already released for consumption in another Member State.

16

Negozju li jixtieq jiġi rimborżat għat-taxxa tas-sisa mħallsa fi stat membru ieħor għandu jirrispetta dan li ġej:

(a) qabel ma l-oġġetti jintbagħtu, jipprovdi garanzija li tkopri r-riskji inerenti ta' nuqqas ta' ħlas tad-dazji tas-sisa li jistgħu jseħħu matul il-moviment;

(b) iħallas id-dazju tas-sisa lill-Kummissarju fi tmiem il-moviment tal-merkanzija;

(c) jagħti l-kunsens għal kwalunkwe verifika minn uffiċjal tad-Dwana biex jiġi żgurat li l-oġġetti tas-sisa jkunu fil-fatt ġew riċevuti u li d-dazju tas-sisa li għandu jitħallas fir-rigward tiegħu jkun tħallas.

16

A business wishing to be reimbursed for excise tax paid in another member state has to abide by the following:

(a) before the goods are dispatched, provide a guarantee covering the inherent risks of non-payment of excise duties which can occur during the movement;

(b) pay the excise duty to the Commissioner at the end of the movement of the goods;

(c) consent to any checks by a Customs official to ensure that the excise goods have actually been received and that the excise duty chargeable in relation thereto has been paid.

17

Meta negozju jixtieq li jiġi rimborżat għad-dazju tas-sisa mħallas fuq l-oġġetti tas-sisa fl-istat membru, in-negozju għandu jissottometti abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku simplifikat lill-Kummissarju permezz tas-sistema kompjuterizzata.

17

When a business wishes to be reimbursed for the excise duty paid on the excisable goods in the member state, the business must submit a draft electronic simplified administrative document to the Commissioner using the computerised system.

18

Dan ir-regolament jispeċifika li sabiex negozju jiġi rimborżat għat-taxxa tas-sisa mħallsa fl-Istat Membru ieħor fuq l-oġġetti tas-sisa akkwistati, in-negozju għandu, fi żmien 5 ijiem utli mill-wasla tal-merkanzija, jinforma lill-Kummissarju b'tali wasla, billi jissottometti l-informazzjoni meħtieġa fis-sistema kompjuterizzata. Ir-rimborż għandu jsir malli tiġi riċevuta l-informazzjoni sottomessa fis-sistema kompjuterizzata.

18

This regulation specifies that in order for a business to be reimbursed for the excise tax paid in another Member State on the excise goods acquired, the business must, within 5 working days of the arrival of the goods, inform the Commissioner of such arrival, by submitting the necessary information in the computerised system. The reimbursement shall be made upon receipt of the information submitted in the computerised system.

19 u 20

F'każ li s-sistema kompjuterizzata msemmija fir-regolament 18 ma tkunx disponibbli, in-negozju konċernat jista' jagħmel użu mid-dokument ta' riżerva li huwa pprovdut mill-Kummissarju.

19 and 20

In case the computerised system referred to in regulation 18 is not available, the business concerned may make use of the fallback document that is provided by the Commissioner.

21	Dan ir-regolament jipprovdi li r-rapport ta' riċevuta meħtieġ mir-regolament 18(1) għandu jikkostitwixxi prova li l-oġġetti tas-sisa jkunu ġew ikkunsinnati lid-destinatarju ċċertifikat, liema prova hija meħtieġa għall-finijiet ta' rimborż.	**21**	This regulation provides that the report of receipt required by regulation 18(1) shall constitute proof that the excise goods have been delivered to the certified consignee, which proof is required for the purposes of reimbursement.
22	Jipprovdi għall-istabbiliment mill-Kummissarju ta' regolamenti ġodda għal oġġetti li jistgħu jiġu trasferiti permezz tal-proċedura ta' moviment simplifikat ta' oġġetti tas-sisa.	**22**	This provides for the establishment by the Commissioner of new regulations for goods that may be transferred through the simplified movement of excise goods procedure.
23	Dan ir-regolament jgħid li meta negozju jixtieq iċaqlaq oġġetti tas-sisa minn post f'Malta għal post ieħor f'Malta, iżda permezz ta' stat membru ieħor tal-UE, tali moviment jista' jseħħ taħt il-kopertura ta' dokument amministrattiv elettroniku ssimplifikat u d-destinatarju ċċertifikat għandu jattesta li jkun irċieva l-oġġetti.	**23**	This regulation states that when a business wishes to move excise goods from one place in Malta to another place in Malta, but does so via another EU member state, such movement may take place under the cover of an electronic simplified administrative document and the certified consignee shall attest to having received the goods.
25	Ir-regolament 25 jagħmilha ċara li meta jkun hemm qerda totali jew telf irrimedjabbli ta' oġġetti tas-sisa, id-dazju tas-sisa m'għandux jitħallas, meta l-oġġetti ġew meqruda f'ċirkustanzi imprevedibbli, jew force majeure, jew bħala konsegwenza ta' awtorizzazzjoni mill-Kummissarju.	**25**	Regulation 25 makes it clear that when there is total destruction or irretrievable loss of excise goods, excise duty should not be paid, when the goods were destroyed in unforeseeable circumstances, or force majeure, or as a consequence of authorisation by the Commissioner.
26	Dan ir-regolament jagħmilha ċara li l-konsegwenzi ta' kwalunkwe irregolarità misjuba se jwasslu għall-ħlas tat-taxxa tas-sisa darbtejn – f'Malta u fl-istat membru ieħor.	**26**	This regulation makes it clear that the consequences of any irregularity detected will lead to the payment of excise duty tax twice – in Malta and in the member state.
27	Dan ir-regolament jipprovdi li garanzija bankarja m'għandhiex għalfejn tiġi ppreżentata lill-Kummissarju meta l-prodotti tal-enerġija jiġu ttrasportati permezz ta' pipeline, sakemm il-ħtieġa ta' tali garanzija ma tkunx iġġustifikata.	**27**	This regulation provides that a bank guarantee does not need to be submitted to the Commissioner when energy products are transported by pipeline, except when duly justified.

5. Konklużjoni

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 teħtieġ għadd ta' bidliet kożmetiċi għal-leġiżlazzjoni attwali li tirregola l-oġġetti tas-sisa armonizzati. Fil-prattika l-operazzjonijiet ta' kuljum tan-negozju kkonċernati mhux se jiġu affettwati b'mod sinifikanti peress li l-bidliet iċċaraw biss kwistjonijiet minuri li kienu diġà ġew iċċarati, partikolarment b'interpretazzjoni ġudizzjarja.

Madankollu, id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tinkludi proċedura importanti (identifikata hawn fuq) li tgħin

5. Conclusion

Council Directive (EU) 2020/262 required a number of cosmetic changes to the current legislation governing harmonised excise goods. In practice the day-to-day operations of the business concerned will not be significantly impacted given that the changes only clarified minor matters that had already been clarified, particularly by judicial interpretation.

However, Council Directive (EU) 2020/262 includes an important procedure (identified above) that helps businesses

lin-negozji jaċċessaw oġġetti li diġà ġew rilaxxati għall-konsum fi stati membri oħra u għalhekk it-taxxa tas-sisa fuq dawn l-oġġetti tkun diġà tħallset.

Ir-rekwiżiti ingombranti għan-negozji biex jakkwistaw oġġetti bid-dazju tas-sisa minn barra għandhom jitneħħew permezz tal-applikazzjoni ta' Dokumenti Amministrattivi Elettroniċi Simplifikati.

Il-benefiċjarju aħħari f'dan il-każ se jkun il-konsumatur f'Malta. Bis-saħħa ta' din il-proċedura, l-prezzijiet jistgħu jitbaxxew, peress li n-negozji f'Malta se jkollhom firxa usa' ta' negozji minn stati membri oħra tal-UE minn fejn jiksbu l-prodotti tagħhom. Barra minn hekk, il-proċess tar-rimborż tat-taxxa tas-sisa diġà mħallsa barra mill-pajjiż se jsir aktar faċli, u jitnaqqas ir-riskju li titħallas it-taxxa tas-sisa darbtejn. Fl-aħħar nett, il-prezzijiet jistgħu wkoll jitbaxxew peress li l-proċess amministrattiv tal-kisba ta' oġġetti minn fornituri oħra fi stati membri oħra tal-UE se jsir ssimplifikat, u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi fuq in-negozji kkonċernati.

Ir-Regolamenti proposti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Finanzi jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mid-Dipartiment tad-Dwana permezz tal-email fuq (malta.customs@gov.mt) jew bit-telefon fuq +356 25685120/123/128

N.B. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhijiex maħsuba li tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Din in-Nota mhijiex maħsuba bħala deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Anness

(għall-fini tal-paragrafu (vi) ta' Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

Noti ta' Traspożizzjoni għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)

Direttiva Artikoli numri	Regolament li jittrasponi
	Avviż Legali li jistabbilixxi Regolament taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382)
Artikolu 2	Ebda implimentazzjoni meħtieġa
Artikolu 3	Regolament 3

access goods that have already been released for consumption in other member states and hence excise tax on these goods has already been paid.

The cumbersome requirements for businesses to acquire excise duty goods from abroad are done away with through the application of this Simplified Electronic Administrative Documents.

The ultimate beneficiary in this case will be the consumer in Malta. On the strength of this procedure, prices may be lowered, given that businesses in Malta will have a wider range of businesses from other EU member states to obtain their goods from. Moreover, the process of being reimbursed for excise tax already paid abroad will become easier, reducing the risk of paying excise tax twice. Lastly, prices may also be lowered given that the administrative process of obtaining goods from other suppliers in other EU member states will become simplified, thus reducing administrative costs on businesses concerned.

The proposed regulations shall come into effect on such a date as the Minister for Finance may by notice in the Gazette establish.

Further information may be obtained from the Customs Department by email on (malta.customs@gov.mt) or by telephone on +356 25685120/123/128

N.B. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Annex

(for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta)

Transposition Notes for the transposition of Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast)

Directive article number/s	Transposing regulations
	Legal Notice establishing a Regulation under the Excise Duty Act (Chapter 382)
Article 2	No implementation required
Article 3	Regulation 3

Artikolu 6	Regolament 4	Article 6	Regulation 4
Artikolu 12	Artikolu 12 kien diġà traspost permezz Artikolu 14 tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa	Article 12	Article 12 was already transposed via Article 14 of the Excise Duty Act
Artikolu 16	Regolament 5	Article 16	Regulation 5
Artikolu 17	Regolament 27	Article 17	Regulation 27
Artikolu 19	Regolament 6	Article 19	Regulation 6
Artikolu		Article	
20 (1)	Regolament 5(6), Regolament 8(8)	20 (1)	Regulation 5(6), Regulation 8(8)
20 (2)	Regolament 17(2) Regolament 8(1), 8(2)	20 (2)	Regulation 17(2) Regulation 8(1), 8(2)
20(3)	Regolament 8(3)	20(3)	Regulation 8(3)
20(4)	Regolament 8(4) Regolament 8(8)	20(4)	Regulation 8(4) Regulation 8(8)
20(5)		20(5)	
20(6)		20(6)	
20(7)		20(7)	
Artikolu 21	Regolament 9	Article 21	Regulation 9
Artikolu 22	Regolament 10	Article 22	Regulation 10
Artikolu 25	Regolament 11	Article 25	Regulation 11
Artikolu 26	Regolament 12	Article 26	Regulation 12
Artikolu 27	Regolament 13	Article 27	Regulation 13
Artikolu 28	Regolament 14	Article 28	Regulation 14
Artikolu 29	Ebda implimentazzjoni meħtieġa	Article 29	No implementation required
Artikolu 33	Regolament 15(1-5)	Article 33	Regulation 15(1-5)
Artikolu 34	Regolament 15(6-8)	Article 34	Regulation 15(6-8)
Artikolu 35	Regolament 16	Article 35	Regulation 16
Artikolu 36	Regolament 17	Article 36	Regulation 17
Artikolu 37	Regolament 18	Article 37	Regulation 18
Artikolu 38	Regolament 19	Article 38	Regulation 19
Artikolu 39	Regolament 20	Article 39	Regulation 20
Artikolu 40	Regolament 21	Article 40	Regulation 21
Artikolu 41	Regolament 22	Article 41	Regulation 22
Artikolu 42	Regolament 23	Article 42	Regulation 23
Artikolu 43	Ebda implimentazzjoni meħtieġa	Article 43	No implementation required
Artikolu 44	Regolament 24	Article 44	Regulation 24
Artikolu 45	Regolament 25	Article 45	Regulation 25
Artikolu 46	Regolament 26	Article 46	Regulation 26

Linji Gwida

Dan id-dokument jirrifletti fuq Regolament li għadu kif ġie stabbilit li huwa intitolat 'Arranġamenti Ġenerali għad-Dazju tas-Sisa (Direttiva tal-Kunsill (UE). Ir-Regolament huwa stabbilit taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, kapitolu 382 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-istrument jimplimenta parzjalment id-Direttiva tal-Kunsill 2020/262. Il-parti l-ġdida ta' din id-Direttiva tal-Kunsill tistabbilixxi proċedura li tagħmilha aktar faċli għal negozji fi Stat Membru wieħed biex jakkwistaw oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2020/262 tippermetti li n-negozji jiġu rreġistrati bħala 'konsenjatur iċċertifikat' jew 'destinatarju ċċertifikat' mal-awtoritajiet lokali kompetenti tat-taxxa tas-sisa tagħhom. Negozju reġistrat bħala destinatarju ċċertifikat jista' jixtri oġġetti tas-sisa rilaxxati għall-konsum direttament minn negozju fi stat membru ieħor irreġistrat bħala konsenjatur iċċertifikat. In-negozju li jakkwista l-oġġetti (destinatarju ċċertifikat) jista' mbagħad jiġi rimborżat għat-taxxi tas-sisa mħallsa fuq dawk l-oġġetti fl-istat membru l-ieħor, jekk in-negozju barrani li jibgħat l-oġġetti jkun irreġistrat bħala konsenjatur iċċertifikat.

Kwalunkwe negozju li jixtieq jixtri oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum fi stat membru ieħor jista' jirreġistra bħala destinatarju ċċertifikat mad-Dipartiment tad-Dwana. Negozji Maltin li jixtiequ jbigħu oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum f'Malta lil negozji fi stati membri oħra, jeħtieġ li jirreġistraw mad-Dipartiment tad-Dwana bħala 'konsenjatur iċċertifikat'. Aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra bħala destinatarju ċċertifikat jew konsenjatur iċċertifikat, kif jista' jkun meħtieġ, tista' tinkiseb billi tikkuntattja lid-Dipartiment tad-Dwana:

https://www.customs.gov.mt/
25685121/25685123
malta.customs@gov.mt

Ħarsa Ġenerali fuq il-Proċedura għar-Rimborż ta' Dazju tas-Sisa

Ix-xiri ta' oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum minn negozju fi Stati Membri oħra tal-UE.

Id-dazju tas-sisa mħallas fuq oġġetti diġà rilaxxati għall-konsum fi Stati Membri oħra jista' jiġi rimborżat jekk tiġi segwita l-proċedura li ġejja.

Negozju f'Malta għandu l-ewwel jirreġistra destinatarju ċċertifikat. Biex id-dazju tas-sisa jiġi rimborżat, l-oġġetti tas-sisa jridu jiġu fornuti minn fornitur li huwa reġistrat

Guidelines

This document reflects on a newly established Regulation that is entitled 'General Arrangements for Excise Duty (Council Directive (EU). The Regulation is established under the Excise Duty Act, chapter 382 of the laws of Malta. This instrument partially implements Council Directive 2020/262. The novel part of this Council Directive establishes a procedure that makes it easier for a businesses in one Member State to acquire excise goods already released for consumption in another member state.

Council Directive 2020/262 allows businesses to be registered as 'certified consignor' or a 'certified consignee' with their local competent excise tax authorities. A business registered as a certified consignee may purchase excisable goods released for consumption directly from a business in another member state registered as a certified consignor. The business acquiring the goods (certified consignee) may be then reimbursed for the excise taxes paid on those goods in the other member state, if the foreign business sending the goods is registered as a certified consignor.

Any business that wishes to purchase excise goods already released for consumption in another member state may register as a certified consignee with the Customs Department. Maltese businesses that wish to sell excisable goods already released for consumption in Malta to businesses in other member states, need to register with the Customs Department as a 'certified consignor'. More information on how to register as a certified consignee or a certified consignor, as may be required, can be obtained by contacting the Customs Department:

https://www.customs.gov.mt/
25685121/25685123
malta.customs@gov.mt

Overview of Procedure for Reimbursement of Excise Duty

Purchasing excisable goods already released for consumption from business in other EU Member States.

Excise duty paid on goods already released for consumption in other Member States may be reimbursed if the following procedure is followed.

A business in Malta must first register a certified consignee. For the excise duty to be reimbursed, the excisable goods must be supplied by a supplier that is registered as a certified

bħala konsenjatur iċċertifikat fl-istat membru barrani. In-negozju f'Malta (destinatarju ċċertifikat) għandu jinforma lid-Dipartiment tad-Dwana li għandu jkun qed jakkwista oġġetti tas-sisa mingħand kunsinnatarju ċċertifikat fi stat membru ieħor. Sadanittant, in-negozju li huwa konsenjatur iċċertifikat se javża wkoll lill-awtoritajiet kompetenti li għandu l-ħsieb li jibgħat oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum lil negozju f'Malta. Id-dazju tas-sisa mħallas fl-Istat Membru tad-dispaċċ jista' jiġi rimborsat fuq talba u dan wara li d-Dipartiment tad-Dwana u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru barrani jkunu żguraw li l-formalitajiet kollha meħtieġa jkunu ġew imħarsa.

Bejgħ ta' oġġetti tas-sisa diġà rilaxxati għall-konsum lil negozji fi Stati Membri oħra tal-UE.

2.1. Il-ħatra, li hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' (1) sena, hija fuq bażi indefinit full-time u suġġetta għar-regoli u regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta inġenerali u MEYR b'mod partikulari, inkluż ċaqliq skont l-eżiġenzi tas-Servizz. L-applikanti magħżula, ingaġġati mill-1 ta' Settembru, 2022, u li ma temmewx b'suċċess il-kors għal kwalifika tat-tagħlim imsemmi f'Appendiċi A u sezzjoni 4.2, sa 30 ta' Settembru, 2022, ikollhom il-perjodu ta' prova estiż kif meħtieġ.

Madanakollu, meta u jekk ikun hemm vakanza temporanja, MEYR jista' jingaġġa għalliem fuq bażi definita, sal-aħħar tas-sena skolastika 2022/2023, u minn dakinhar li l-persuna taċċetta tibda tissejjaħ Għalliem Temporanju. F'dawn il-każijiet, dan l-ingaġġ jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss, peress li dan huwa ingaġġ ta' natura temporanja. Il-perijodu ta' prova tkun għal sena (1) u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fil-MEYR u tinvolvi li persuna tista' tiġi trasferita skont l-eżiġenzi tas-Servizz.

2.2. Għalliem Temporanju jitpoġġa fuq il-minimu ta' Skala ta' Salarju 9 li fl-2022, huwa €23,353 fis-sena, u jkun intitolat għall-allowances ta' Għalliem u/jew Works Resources kif applikabbli u stabbilit mis-sezzjoni intitolata Allowances fi ħdan il-Ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru, 2017. Dawn l-impjegati jibbenefikaw minn żidied inkrimentali. Dment li l-għalliema temporanji jistgħu jintalbu jaqdu dmirijiet ta' Form Teacher u/jew dmirijiet oħra kif definit fis-sezzjoni fuq Pastoral Care għall-Istudenti. Dment li jekk ikun hemm vakanza permanenti, Għalliema Temporanji jistgħu jingħataw iċ-ċans li jipprogressaw għal grad ta' Għalliem fuq bażi indefinita skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku.

2.3. Is-salarju marbut mal-post ta' Għalliem huwa marbut ma' Skala tas-Salarju 9, li fl-2022 hu ta' €23,353 fis-sena, u jitla' b'żieda annwali ta' €447.33 sa massimu ta' €26,037. Dan is-salarju huwa supplementat bi Class Allowance ta' €2,350 fis-sena flimkien ma' Fond ta' Work Resources ta' €650 fis-sena kif stipulat fil-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta fil-21 ta' Diċembru, 2017.

2.4. Persuna fil-grad ta' Għalliem titla' fi Skala ta' Salarju 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 fis-sena 2022) wara tmien (8) snin servizz sodisfaċenti fil-grad, u titla' fi Skala

1.7. A selected candidate may be required to undergo any special training as deemed necessary.

Terms and Conditions

2.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one (1) year, is on a full-time indefinite basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEYR in particular, including deployment according to the exigencies of the service. Chosen applicants, engaged by 1st September, 2022, and who have not successfully completed their teaching qualification course mentioned in Appendix A and section 4.2 by 30th September, 2022, will have their probation extended accordingly.

However, if and when a vacancy of a temporary nature arises, MEYR may appoint a teacher on a definite basis, until the end of the scholastic year 2022/2023, and shall henceforth be named Temporary Teachers on acceptance. In such cases, this engagement constitutes an objective reason in terms of S.L. 452.81 regarding fixed term contracts, since this recruitment is of a temporary nature. The probationary period shall be for one (1) year and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and MEYR in particular, including deployment according to the exigencies of the service.

2.2. A Temporary Teacher will be placed on the minimum of Salary Scale 9 which in 2022, is €23,353 per annum and will be entitled for the teachers' allowance and/or works resources as applicable and established in the section within the Agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December, 2017, entitled Allowances. Such employee shall benefit from incremental increases. Provided that temporary teachers may be asked to perform Form Teacher duties and/or other duties as defined in the section on Student pastoral care. Provided further that if a permanent vacancy arises, Temporary Teachers may be offered the possibility to progress to the grade of teacher on an indefinite contract in accordance with Public Service Regulations.

2.3. The salary for the post of Teacher is pegged to Salary Scale 9, which in 2022, is €23,353 per annum, rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €26,037. This salary is supplemented by a Class Allowance of €2,350 per annum together with a Works Resources Fund of €650 per annum as stipulated in the agreement between the Government and the Malta Union of Teachers dated 21st December, 2017.

2.4. A Teacher will progress to Salary Scale 8 (€24,845 x €486.83 - €27,766 in 2022) on completion of eight (8) years satisfactory service in the grade and to Salary Scale 7

ta' Salarju 7 (€26,438 x €531.17 - €29,625 fis-sena 2022) wara tmien (8) snin oħra servizz sodisfaċenti fil-grad, ta' Skala ta' Salarju 8.

2.5. Tista' titħaffef il-progressjoni ta' Għalliem għal Skala ta' Salarju li jmiss, minn tmien (8) snin għal sitt (6) snin, jekk għalliem jiġbor f'daqqa 360 siegħa ta' taħriġ rikonoxxut ta' Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD), li jkun imfittex minnu, fuq medda ta' sitt snin (minn skema applikabbli maħruġa mill-maniġment). Dment li jekk dan it-taħriġ ta' CPD imfittex minnu, huwa kkumpensat minn progressjoni mgħaġġla, kwalunkwe kwalifika li tinkiseb minn dawn is-siegħat ma jerġax jiġi kkumpensat minn xi kwalunkwe forma ta' qualification allowance.

2.6. Persuna magħżula li tipprovdi esperjenza ta' tagħlim skont :

L-Addendum tal-Moviment Ħieles tal-ħaddiema fi ħdan l-Istati Membri tal-UE (26 ta' Settembru, 2013) u/jew

Il-Ftehim biex Tiffaċilita l-Moviment għall-Edukaturi bejn Skejjel Liċenzjati (29 ta' Lulju, 2015) tkun eliġibbli għall-aġġustament ta' salarju skont l-entitlement.

2.7. Il-ħatra tal-persuna magħżula li taċċetta li tiġi ingaġġata mill-1 ta' Settembru, 2022, tkun mistennija tattendi pre-service college based induction session mal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ kif ikkomunikat mill-uffiċju tal-Kap tan-Network tal-Kulleġġ rispettiv, matul ix-xahar ta' Settembru 2022. Wara, din il-persuna magħżula tkun mistennija tattendi l-pre-service National Induction Sessions fl-20, fit-22, u fit-23 ta' Settembru, 2022. Dawn is-sessjonijiet mandatorji huma parti mill-programm ta' induzzjoni għall-għalliema li qed jiggradwaw u għall-għalliema ingaġġati ġodda.

2.8. Il-ħatra ta' Għalliem hija suġġetta li jintemm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (iv) u (v) sat-30 ta' Novembru, 2022. Min ma jipprovdix din l-evidenza, jitneħħa mill-ordni tal-mertu tar-riżultat u jkun mitmum l-impjieg bħala għalliem.

Madanakollu, jekk l-applikant ingaġġat ma jkunx temm b'suċċess il-kors rilevanti msemmi f'paragrafi 4.2 (iv) u (v) sat-30 ta' Novembru, 2022, il-persuna tinħatar bħala għalliem supplimentari skont it-termini tas-sejħa ta' Għalliem Supplimentari ppubblikata fl-2022. F'dan il-każ l-impjieg ikun fuq bażi definit, sal-aħħar tas-sena skolastika 2022/2023.

2.9. Jekk il-persuna magħżula ma jkollux Warrant ta' Għalliem (permanenti), din tkun eliġibbli li tikseb Warrant ta' Għalliem (permanenti), skont it-termini tal-artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u impjieg 'l hinn minn dan il-perijodu jkun suġġett għall-kisba ta' dan il-Warrant bi qbil ma' artiklu 24 (1) tal-istess Att.

(€26,438 x €531.17 - €29,625 in 2022) on completion of a further eight (8) years satisfactory service in Salary Scale 8.

2.5. Progression of a Teacher to the next salary scale may be accelerated from eight (8) years to (6) six years, if a teacher cumulates an aggregate of 360 hours of recognised self-sought Continuous Professional Development (CPD) time over six (6) years (through the applicable scheme issued by the management). Provided that if such self-sought CPD is compensated through accelerated progression, any qualification arising from such hours may not be further compensated through any other form of qualification allowance.

2.6. A Selected candidate who proves any teaching experience in accordance with:

The Addendum Freedom of Movement of workers within member states of the EU (26th September, 2013) and/or

The Agreement to Facilitate Mobility for Educators between Licensed Schools (29th July, 2015) shall qualify for an adjustment in salary subject to entitlement.

2.7. The appointment of a selected candidate who accepts to start employment on the 1st September, 2022, shall be required to attend a pre-service college-based induction session with the Head of College Network, as communicated by the office of the respective Head of College Network during the month of September 2022. Thereafter ,a selected candidate shall be required to attend the pre-service National Induction Sessions on 20th, 22nd and 23rd of September, 2022. These mandatory sessions are part of the induction programme for newly qualified and newly recruited teachers.

2.8. The appointment as Teacher will be subject to the successful completion of the relevant course mentioned in paragraphs 4.2 (iv) and (v) by 30th November, 2022. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and termination of employment as Teacher.

However, if an applicant engaged has not successfully completed the course mentioned in paragraphs 4.2 (iv) and (v) by 30th November, 2022, s/he will be appointed as Supply Teacher in terms of the call of Supply Teacher published in 2022. In such instances, the engagement will be on a definite basis, until the end of the scholastic year 2022/2023.

2.9. A selected candidate who is not in possession of a Teacher's Warrant (permanent), shall be eligible to obtain a Teacher's Warrant (permanent), in terms of article 24 (2) of the Education Act. Employment beyond this period shall be subject to a possession of such a warrant in accordance with article 24 (1) of the same Act.

2.10. Il-ħatra tal-persuna magħżula hija suġġetta għall-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (permanenti). Jekk dan ma jinkisibx ifisser ipso facto revokazzjoni tal-ħatra skont ir-Regolament Nru. 23 tar-Regoli tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (S.L. Const. 01).

2.11. Il-persuna magħżula tkun mistennija twettaq b'suċċess proċess ta' induzzjoni, kif stipulat mid-Direttorat tar-Riżorsi Edukattivi (ER). L-għoti tal-konferma tal-ħatra, is-soltu wara sena, u/jew il-kisba ta' Warrant ta' Għalliem (permanenti) skont artiklu 24 jew 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, ma jeżentawx lill-persuna magħżula milli twettaq b'suċċess il-proċess ta' Taħriġ ta' Induzzjoni.

2.12. Il-Kundizzjonijiet u l-proċeduri rigward il-post ta' Għalliem, li wieħed jista' jikkonsulta minn (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) japplikaw, jekk u meta l-persuna magħżula tiġi kkuntattjata mill-MEYR.

2.13. Fil-każ tal-applikanti magħżula f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet f'aktar minn suġġett/qasam/ċiklu wieħed (1), il-persuna magħżula tiġi impjegata fis-suġġett/qasam/ċiklu skont id-diskrezzjoni tal-MEYR.

2.14. MEYR għandu d-dritt li jassenja u/jew jibgħat il-persuna magħżula biex iservi f'kull kulleġġ, skola, u istituzzjoni edukattiva, inkluż ukoll fuq bażi ta' sharing fi skejjel f'Malta u f'Għawdex, skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.15. Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

2.16. L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Għalliem jinkludu li:

Hija r-responsabbiltà tal-Għalliem li tieħu ħsieb li tipprovdi esperjenzi xierqa ta' tagħlim rilevanti, stimulanti, u li jinvolvi l-istudent, għall-istudenti kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, billi trawwem b'mod sostenibbli fl-individwu kif ukoll fil-kollettiv, il-benessere fit-

2.10. The appointment of a selected candidate is subject to the employee being awarded a Teacher's Warrant (permanent). Failure to obtain the Teacher's Warrant (permanent) will ipso facto mean revocation of appointment as per Regulation No. 23 of the Public Service Commission Regulations (S.L. Const. 01).

2.11. A selected candidate will be required to complete an induction process successfully, as stipulated by the Directorate for Education Resources (ER). The granting of the confirmation of appointment, usually after one year, and/or the awarding of a Teacher's Warrant (Permanent) in accordance with article 24 or 41 of the Education Act, do not exempt a selected candidate from completing successfully the induction training.

2.12. Conditions and procedures regarding the acceptance for the post of Teacher, which can be accessed from (http://education.gov.mt/en/Documents/Vacancies/Acceptance_procedure_for_new_teachers.pdf) will apply, if and when a successful candidate is contacted by MEYR.

2.13. In the case of applicants who are successful in this call for applications in more than one (1) subject/area/cycle, s/he shall be employed in the required subject/area/cycle at the discretion of MEYR.

2.14. MEYR has the right to assign and/or deploy a successful applicant to serve in any college, school, and educational institution including on a shared basis in Malta or Gozo, according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.15. Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

2.16. Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Duties

3. The job duties for the post of Teacher include:

It is the responsibility of a teacher to take charge of providing appropriate relevant, stimulating and engaging learning experiences for all students under his/her responsibility, nurturing wellbeing through sustainable individual as well as collective spiritual, emotional, cognitive

tkabbir spiritwali, f'dak emozzjonali, fil-fehim u fl-iżvilupp fiżiku. Il-persuna maħtura bħala għalliem hija mistennija li tikkollabora ma' edukaturi li jkunu qed jappoġġaw dan l-isforz fil-klassi jew barra mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Management Tim tal-iskola, anke billi tinvolvi ruħha fl-iżvilupp tal-Komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż fi ħdan l-iSchool Development Plan. Biex dan iseħħ, il-persuna magħżula bħala għalliem għandha:

i. Iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi fl-edukazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward taċ-ċiklu u/jew qasam rispettiv, inkluż iżda mhux limitat għall-kurrikulu, il-pedagoġija, l-assessjar, ir-recording, u r-rappurtar ta' tagħlim, il-kontenut u l-iżvilupp differenti ta' min jitgħallem;

ii. Toħloq kundizzjonijjiet tajbin biex tiffaċilita l-iżvilupp olistiku ta' min qed jitgħallem skont il-linji gwida pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali nominati;

iii. Tippjana, toħloq u tevalwa esperjenzi ta' tagħlim stimulanti, pjaċevoli u pożittivi, inkluż fil-preparazzjoni ta' lezzjonijiet u kif tagħti l-lezzjonijiet, fl-iżvilupp u amministrazzjoni ta' modalitajiet varji ta' assessjar għal u ta' tagħlim, kif ukoll tagħti feedback ukoll permezz ta' reġistrazzjoni u rappurtar tat-tagħlim;

iv. Tindirizza d-diversità billi toħloq opportunitajiet għall-istudenti kollha biex jilħqu l-potenzjal tagħhom mingħajr ma formalment jew informalment joħolqu ostakli jew inaqqsu l-aspettattivi;

v. Tikkontribwixxi għall-kisba inkrimentali tar-riżultati mistennija fis-suġġett, qasam ta' tagħlim u l-livell ta' temi transkurrikulari tal-istudenti kollha fdati taħt il-kura tiegħu/tagħha, billi tgħolli l-limitu tal-kisba għal kull individwu u jitnaqqsu il-lakuni fil-kisba li jistgħu jeżistu fil-proċess billi tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal ta' kull student;

vi. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-linji gwida pprovduti mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali taħt il-gwida totali tal-awtorità kompetenti tal-edukazzjoni;

vii. It-tagħlim u l-edukazzjoni tal-istudenti skont il-ħtiġiet, il-ħiliet u l-potenzjal edukattiv ta' studenti individwali fdati fil-kura tiegħu/tagħha mill-Kap tal-Iskola jew Kap tas-Sezzjoni;

viii. Iġibu ruħhom u jgħallmu u jedukaw lill-istudenti skont il-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi tal-Etika u l-Prattika tal-Għalliema;

ix. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

and physical growth. The teacher is expected to collaborate with other educators, who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team, also by engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning. In pursuing this, the Teacher is to:

i. Keep abreast of developments in education, particularly in relation to the respective Cycle and/or area, including but not limited to curriculum, pedagogy, assessment, recording and reporting of learning, content and diverse learner development;

ii. Create optimal conditions which facilitate a learner's holistic development according to guidelines provided by the national and local designated authorities;

iii. Plan, create, and evaluate stimulating, enjoyable and positive learning experiences, including through lesson preparation and delivery, development and administration of varied modalities of assessment for and of learning, as well as give feedback also through recording and reporting of learning;

iv. Address diversity by creating opportunities for all learners to reach their potential without either formally or informally erecting barriers or lowering expectations;

v. Contribute towards the incremental attainment of the expected outcomes at subject, learning area, and cross-curricular theme level by all students entrusted under his/her care raising the bar of achievement for every individual and narrowing the attainment gaps that may exist in the process facilitating the fulfilment of each learner's potential

vi. Teach and educate students according to guidelines provided by the National Curriculum Framework under the overall guidance of the competent education authority;

vii. Teach and educate students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Head of School or Head of Section;

viii. Conduct themselves and teach and educate students in accordance with principles set out in the Teachers' Code of Ethics and Practice;

ix. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol ta' dan il-post tista' tiġi akkwistata minn (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

Il-persuna magħżula hija mistennija li twettaq dmirijiet b'lealtà, b'diliġenza xierqa u bl-akbar ħila, u taġixxi f'kull rispett skont l-istruzzjonijiet u/jew direttivi mogħtija lilha mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew il-Kap tal-Iskola.

Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet ta' żvilupp professjonali fosthom kors ta' induzzjoni kif jixraq ir-rwol u l-funzjonijiet tiegħu, u management driven training programme, kif mitlub mid-direttorati tal-Edukazzjoni, il-Kap tan-Network tal-Kulleġġ u/jew Kap tal-Iskola. Dan il-management driven training programm (jew kors ta' induzzjoni) mhux ikkunsidrat parti mis-self-sought Community of Professional Educators (CoPE) imsemmi f'paragrafu 2.5 hawn fuq.

Il-persuna magħżula għandha tadotta u taħdem għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp skolastiku ta' skola jew skejjel partikulari li tkun qed iservi fiha/fihom.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt

A detailed job description of the post can be obtained from (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

The selected candidate is expected to carry out his/her duties in utmost good faith, with due diligence and to the best of his/her abilities and s/he shall act in all respects according to the instructions and/or directives given to him/her by the Education Directorates, Head of College Network and/or Head of School.

The selected candidate is required to follow professional development courses including an induction course as appropriate to his/her role and functions, and management driven training programmes, as directed by the Education directorates, Head of College Network and/or Head of School. This management driven training programme (or in-service induction) will not be considered as part of the self-sought Community of Professional Educators (CoPE) mentioned in paragraph 2.5 above.

The selected candidate shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school or schools s/he is giving service in.

Eligibility Requirements

4.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family

ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; U

(iii) ikollhom Warrant ta' Għalliem (permanenti) maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni ta' Għalliema (CTP) taħt l-ariklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

Madankollu, kandidati li ma jkollhomx Warrant ta' Għalliem maħruġ mis-CTP (warrant permanenti) imma li eventwalment jikkwalifikaw għal wieħed skont l-Artiklu 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni jistgħu wkoll japplikaw. Il-ħatra tagħhom bħala Għalliema jingħata bil-kundizzjoni li se jakkwistaw Warrant ta' Għalliem (permanenti/temporanju) bi qbil mal-artikli rilevanti tal-istess Att. L-applikanti li jiġu offruti impjieg mal-MEYR għandhom jissottomettu applikazzjoni ġdida online tal-warrant temporanju/tiġdid tal-warrant temporanju permezz tal-ħolqa (https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx).

Il-warrant temporanju dejjem jiskadi fil-31 ta' Awwissu u għandu jiġġedded kull sena skolastika; U

(iv) ikollhom Warrant ta' Għalliem (permanenti) flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta fit-tagħlim/kors fil-pedagoġija rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha u li għandhom mhux anqas minn ħmistax-il (15) sena ta' esperjenza fit-tagħlim, jgħallmu s-suġġett/qasam/ċiklu li qed japplikaw għalih fi skola liċenzjata; JEW

(v) għandhom Ċertifikat ta' Għalliem jew temmew b'suċċess il-Kors ta' Għalliem Gradwat, it-tnejn f'Livell 6

members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages; AND

(iii) in possession of a Teacher's Warrant (permanent) issued by the Council for the Teaching Profession (CTP) under article 24 (2) of the Education Act;

However, candidates not in possession of a Teacher's Warrant issued by the CTP (permanent) but who will eventually qualify for one in accordance with article 24 (2) of the Education Act may also apply. Their appointment as Teacher is conditioned to their being awarded a Teacher's Warrant (permanent/temporary) in accordance with the relevant articles of the same Act. Applicants who are offered employment with MEYR must submit an online application for new/renewal of temporary warrant through the link (https://education.gov.mt/en/teachingprofession/Pages/CTP.aspx).

The temporary warrant always expires on 31st August and must be renewed every school year; AND

(iv) be in possession of a Teacher's Warrant (permanent) plus a recognised teaching qualification/pedagogical course at MQF Level 6, as defined in this call and its appendices and have accrued not less than fifteen (15) years teaching experience, teaching the subject/area/cycle applied for in a licensed school; OR

(v) have a Teacher's Certificate or have successfully completed the Graduate Teacher's Course, both at MQF

tal-MQF organizzati mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, bis-suġġett li applikaw għalih meħud bħal s-suġġett ewlieni fil-Kors ta' Taħriġ għal Għalliema; JEW

(vi) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta f'Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi A, li jinkludi s-suġġett/qasam li għalih saret applikazzjoni bħala qasam ewlieni ta' studju u li jissodisfa aktar eliġibbiltà kif definit fl-Appendiċi B jekk applikabbli, għas-suġġett/qasam/ċiklu applikat għalih; JEW

(vii) ikollhom kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, f'suġġett/i fiċ-ċiklu tas-sekondarja, kif ukoll kors ta' adattament rikonoxxut mill-Awtoritajiet Edukattivi u erba' (4) snin skolastiċi ta' esperjenza full-time ta' tagħlim fiċ-ċiklu tal-primarja fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja. Applikanti li jippossedu r-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu imma m'għandhomx il-kors ta' addattament huma xorta eliġibbli li japplikaw bil-kundizzjoni li, jekk jiġu aċċettati, l-applikant ikollu jagħmel dal-kors meta mitlub mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni; JEW

(viii) għandhom kwalifika ta' tagħlim/kors fil-pedagoġija f'Livell 6 tal-MQF kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha u li għandhom mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET f'Livell 6 tal-MQF fil-qasam/suġġett li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/ pedagoġija li għandhom, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, mhuwiex fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih;

(ix) l-applikanti li rreġistraw għal u wara kkwalifikaw għal kwalifika (Masters) rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF b'mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fis-suġġett li qed japplikaw għalih, qabel id-29 ta' Lulju, 2008, u li ġew mogħtija Warrant ta' Għalliem (permanenti) skont artiklu 41 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, għandu jkollhom ukoll kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta f'Livell 6/7 tal-MQF, kif definit f'din is-sejħa u fl-Appendiċi A, fis-suġġett/qasam/ċiklu li applikaw għalih.

Madankollu, jekk applikant għandu fil-pussess tiegħu Warrant ta' Għalliem (permanenti), iżda m'għandux kwalifika ta' tagħlim rikonoxxuta fil-Livell MQF 6/7, kif definit f'din is-sejħa u l-appendiċi tagħha, huwa xorta waħda eliġibbli biex japplika bil-kundizzjoni li l-applikant jipprovdi evidenza dokumentata li hu/hi ġie kkonfermat, (jiġifieri m'għadux taħt probation u ħadem għal sena skolastika sħiħa) fil-grad ta' Għalliem, u għallem is-suġġett/qasam/ċiklu li għalih saret applikazzjoni, fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja.

(x) Uffiċjali Pubbliċi fi grad ta' għalliem, li huma kkonfermati fil-ħatra preżenti tagħhom, u li jixtiequ li jkunu kkunsidrati għal tagħlim f'ċiklu ieħor u/jew jgħallmu suġġett differenti, jistgħu japplikaw bil-kundizzjoni li minbarra li

Level 6 organised by the Education Division with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course; OR

(vi) have a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and Appendix A, which includes the subject/area applied for as a main area of study and satisfying further eligibility as defined in Appendix B if applicable, for the subject/area/cycle applied for; OR

(vii) have a recognised teaching qualification at MQF Level 6 as defined in this call and its appendices, in the subject/s taught at the secondary cycle, plus an adaptation course recognised by the Education Authorities and four (4) scholastic years full-time teaching experience in the primary cycle in a licensed school offering compulsory education. Applicants who have the requirements stipulated in this paragraph but do not have this adaptation course will still be eligible to apply on condition that, if successful, the applicant will be required to follow this course when requested by the Education Authorities; OR

(viii) have a recognised teaching qualification/ pedagogical course at MQF Level 6, as defined in this call and its appendices, and has a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for even if their teaching/pedagogical qualification/course, as defined in this call and its appendices, is not in the subject/area applied for; OR

(ix) Applicants who have registered for, and subsequently awarded, a recognised (Masters) qualification at MQF Level 7 with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, in the subject applied for, before 29th July, 2008, and have been awarded a Teacher's Warrant (permanent) in accordance with article 41 of the Education Act, must also have a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and Appendix A, in the subject/area/ cycle applied for.

However, if an applicant is in possession of a Teacher's Warrant (permanent), but is not in possession of a recognised teaching qualification at MQF Level 6/7, as defined in this call and its appendices, s/he is still eligible to apply on condition that the applicant provides documented evidence that s/he has been confirmed, (i.e. no longer under probation and worked for a full scholastic year) in the grade of Teacher, and has taught the subject/area/cycle applied for, in a licensed school offering compulsory education.

(x) Public Officers in the grade of Teacher, whose appointment in such grade has been confirmed, and who wish to be considered to teach at a different cycle and/or to teach a different subject, may apply on condition that besides

jkunu fil-pussess ta' kwalifika ta' tagħlim/pedagoġija skont l-Appendiċi A, għandhom mhux anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET f'Livell 6 tal-MQF fil-qasam/suġġett li applikaw għalih, anke jekk il-kwalifika/kors ta' tagħlim/pedagoġija li għandhom mhuwiex fis-suġġett/qasam li applikaw għalih, MEYR għandu jibgħat għalliema li juru suċċess f'tali każijiet skont l-eżiġenzi tas-servizz.

(xi) L-applikanti li għandhom fil-pussess kwalifika tat-tagħlim fl-Edukazzjoni ta' Ħarsien u s-Snin Bikrin jew fil-Primarja, kif definit f'din is-sejħa u fl-appendiċi tagħha, irid ikollhom fil-pussess ukoll:

(a) Tliet (3) eżamijiet tal-Livell Ordinarju fil-Livell 3 tal-MQF (minimu Ċ jew 5) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, fil-Lingwa Maltija, fil-Lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-Livell 4 tal-MQF (minimu Grad E), jew komparabbli, jew Pass fil-module tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mill-kors ta' kwalifika, jiġu aċċettati bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju f'Livell 3 tal-MQF, sakemm mhux speċifikat mod ieħor. Dment li applikant li ma jissodisfax dal-ħtiġiet (f'paragrafu xiv) jista' jkun eliġibbli biex japplika jekk ikollu Warrant ta' Għalliem Permanenti u kien jgħallem full-time fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi fl-aħħar għaxar (10) snin skolastiċi.

(b) Applikanti li daħlu għal wieħed mill-korsijiet stipulati f'paragrafu (xi) u Appendiċi A bħala studenti maturi u temmew b'suċċess il-kors huma eżenti mill-provvedimenti ta' paragrafu (xi) sakemm iġibu xhieda ta' dan mill-istituzzjoni rilevanti.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema oħra ta' kejl tal-kontenut tal-kors, il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60/180 krettu ECTS/ECVET (skont kif applikabbli). Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

(xii) Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. Kull referenza għal kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim jew kors ta' pedagoġiku (Appendiċi A) imsemmi hawn fuq jew f'Appendiċi B, tista'tiġi aċċessata mill-ħolqa (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications.pdf).

4.3. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq u fil-ħolqa ta' paragrafu 4.2 għall-Appendiċi A u f'Appendiċi B, jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġett/qasam/ċiklu mitluba.

being in possession of a teaching/pedagogical qualification as per Appendix A, have a minimum of 60 ECTS/ECVET credits at MQF Level 6 in the subject/area applied for, even if their teaching/pedagogical qualification/course is not in the subject/area applied for. MEYR shall deploy teachers who prove successful in such cases according to the exigencies of the service.

(xi) Applicants in possession of a teaching qualification in Early Childhood Education and Care or in the Primary, as defined in this call and its appendices, must also be in possession of:

(a) Three (3) Ordinary Levels at MQF Level 3 (minimum Grade C or 5) or a recognised comparable qualification in Maltese Language, English Language and Mathematics. An Advanced Level at MQF Level 4 (minimum Grade E), or comparable, or a pass in the respective subject module taken as part of a recognised qualification shall be accepted as an alternative to Ordinary Level MQF Level 3, unless otherwise stated. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements (paragraph xiv) would still be eligible to apply if s/he is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in a licensed school for a period of not less than five (5) scholastic years in the last ten (10) scholastic years.

(b) Applicants who entered one of the courses stipulated in (xi) and Appendix A as mature students and successfully completed such courses, are exempt from the provisions of paragraph (xi) provided they produce a testimonial to this effect from the awarding institution.

*In the absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60/180 ECTS/ECVET credits (as applicable). The advice of the MQRIC may be sought.

(xii) Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2. A table of recognised teaching qualifications or pedagogical course (Appendix A) mentioned above or in Appendix B may be viewed through the link (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20A%20-%20Recognised%20Teaching%20qualifications.pdf).

4.3. Qualifications at a level higher than that specified above and in paragraph 4.2's link for Appendix A and in Appendix B, will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject/area/cycle requirements.

4.4. L-applikanti li jkunu fl-aħħar sena tal-kors li jwassal għall-għoti tal-kwalifika xierqa ta' tagħlim skont il-paragrafi f'sezzjoni 4.1 xorta jistgħu japplikaw. Tali applikanti jkunu jeħtieġu li juru t-tlestija b'suċċess tal-kors rilevanti sat-30 ta' Novembru, 2022, jew kwalunkwe data oħra determinata skont iċ-ċirkostanzi kurrenti relatati mal-Covid-19. Innuqqas li tipprovdi din l-evidenza jwassal għat-tneħħija mil-lista ta' mertu ta' riżultat u jekk tali applikant ikun ingaġġat qabel it-30 ta' Settembru, 2022, il-ħatra tiegħu/tagħha bħala Għalliem/a tiġi mibdula għal dik ta' Għalliem/a Supplimentari u l-ingaġġ ikun fuq bażi definita għas-sena skolastika 2022/2023, li tista' tiġi mġedda għal perjodi oħra.

4.5. L-applikanti huma meħtieġa wkoll jirreferu għall-Appendiċi B billi jaċċessaw il-ħolqa (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call.pdf) ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet li tindika aktar dettalji u rekwiżiti ta' eliġibbiltà fil-qasam tal-eliġibbiltà tas-suġġetti elenkati fil-paragrafu 1.2. L-applikanti, li jixtiequ japplikaw għal suġġetti li mhumiex elenkati fl-Appendiċi B, għandhom jirreferu għall-paragrafi fit-taqsima 4.1 u Appendiċi A għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

4.6. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.7. Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4. Applicants who are in the final year of the course leading to the award of their appropriate teaching qualification as per paragraphs under section 4.1 may still apply. Such applicants would need to prove the successful completion of the relevant course by 30th November, 2022, or any other further date determined per current circumstances related to Covid-19. Failure to provide such evidence will lead to the removal from the result merit list and if such an applicant is engaged before 30th September, 2022, his/her appointment as Teacher will be changed to that of a Supply Teacher and the engagement will be on a definite basis for scholastic year 2022/2023, which may be renewed for further periods.

4.5. Applicants are also required to refer to Appendix B by accessing the link (https://education.gov.mt/en/vacancies/Documents/Appendix%20B%20-%20Further%20eligibility%20criteria%20for%20Teacher%20call.pdf) of this call for applications, which indicates further details and eligibility requirements within the area of eligibility of the listed subjects in paragraph 1.2. Applicants, who wish to apply for subjects which are not listed in Appendix B, should refer to paragraphs in section 4.1 and Appendix A for the eligibility requirements.

4.6. Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.7. Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.8. L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.8. Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.9. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.8 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.9. Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.8 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.10. L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.10. Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.11. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.11. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Il-kordinazzjoni fuq livell loġistiku mad-dipartiment tal-marketing ta' Teatru Malta dwar dak kollu relatat mal-promozzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proġetti, inklużi l-filmati u l-fotografija u kontenut diġitali ieħor tal-produzzjonijiet;

To coordinate on a logistical level with the marketing department of Teatru Malta on anything related to the promotion and documentation of the projects, including filming and photography and other digital content of the productions;

L-aċċettazzjoni tal-aspetti kollha tal-amministrazzjoni tal-proġett, is-superviżjoni tan-nefqa tal-produzzjoni u l-mili tal-kwotazzjonijiet, l-irċevuti u l-kuntratti kollha minn Teatru Malta;

To undertake all aspects of project administration, monitor production spending and fill all quotes, invoices and contracts by Teatru Malta;

L-iskedar ta' laqgħat tal-produzzjoni;

To schedule production meetings;

L-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-produzzjoni post mortem;

To organize production post mortem meetings;

Isir kuntatt mad-dipartiment ta' amministrazzjoni dwar il-ħruġ ta' rċevuti tal-produzzjoni b'mod xieraq, effiċjenti u f'waqtu;

To liaise with the administration department on production invoicing in an orderly, efficient and timely manner;

Il-ġestjoni ta' pjattaformi elettroniċi li jaħżnu d-dokumentazzjoni ta' Teatru Malta;

Jaġixxi bħala rappreżentant għall-entità u jiżgura li jinżammu relazzjonijiet tajbin mal-imsieħba u l-kollaboraturi kollha;

Il-ġestjoni tal-inventarju, il-kunsinni u l-livelli ta' stokk tal-gwardarobba u l-istokk ta' Teatru Malta;

Responsabbiltajiet oħra kif assenjati mill-Head of Productions u l-Administration Manager.

Ħiliet u Kompetenzi

Qabel id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni l-applikanti għandu jkollhom:

Kwalifika f'livell ta' Baċellerat f'Livell MQF 6 relatata mar-rwol. Il-kwalifiki u l-esperjenza msemmija għandha tingħata evidenza għalihom b'ċertifikati u/jew xhieda, u l-kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni;

Għarfien dwar ix-xena teatrali lokali kif ukoll tas-setturi kulturali u kreattivi;

Esperjenza li jitwassal xogħol skont l-iskadenzi;

Ħila li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet pożittivi ma' varjetà ta' kollaboraturi u partijiet ikkonċernati;

Proficjenza fl-Ingliż u l-Malti b'ħiliet ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub tajbin ħafna;

Ħiliet ta' smigħ u interpersonali tajbin ħafna;

Kapaċi li jaħdmu b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, b'attenzjoni għad-dettall;

Mill-inqas sentejn esperjenza f'xogħol rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tal-baġit ta' avvenimenti/proġetti.

Fehim tal-politika tal-Gvern kif ukoll tal-inċentivi u l-leġiżlazzjoni.

Kundizzjonijiet ta' Servizz Anormali

Ħila li jaħdmu taħt pressjoni.

Jista' jkun li jkunu meħtieġa sigħat ta' xogħol wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju, għaldaqstant, il-kandidat għandu jkun flessibbli li jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet, skont il-ħtiġiet tal-entità.

To manage the electronic platforms storing Teatru Malta's documentation;

To act as an advocate for the entity and ensure that good relations are kept with all partners and collaborators;

To manage the inventory, deliveries and stock levels of Teatru Malta's wardrobe and stock;

Other duties as assigned by the Head of Productions and Administration Manager.

Skills and Competencies

Applicants must, by the closing date of submission of the application, be in possession of:

Bachelor's qualification at MQF Level 6 related to the role. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application;

Knowledge of the local theatre scene as well as cultural and creative sectors;

Track record of delivering according to deadlines;

Ability to establish and maintain positive relationships with a variety of collaborators and stakeholders;

Proficiency in English and Maltese, with excellent oral and written communication skills;

Excellent listening and interpersonal skills;

Capable of working both independently and within a team, with an attention to detail;

Relevant work experience, particularly in relation to events' / projects' and budget management of a minimum of 2 years

An understanding of Government policy as well as incentives and legislation.

Abnormal Service Conditions

Ability to work under pressure.

Hours of work may also be required after normal office hours thus the candidate must be flexible to work on weekends and evenings depending on the needs of the entity.

Il-Kuntratt

Il-kandidat magħżul se jingħata Kuntratt għal Servizz ta' tliet (3) snin, bil-possibbiltà li jiġġedded għal perjodu ulterjuri ta' sena (1), skont il-prestazzjoni tiegħu/tagħha.

Iwieġeb għall-Head of Productions ta' Teatru Malta għall-Kunsill Malti għall-Arti, u jopera b'ħinijiet flessibbli biex jissodisfa r-rikjesti u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Il-kandidat magħżul ikun jenħtieġ jaħdem skont ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta. Il-fornitur tas-servizz magħżul se jkun responsabbli għall-kontributi kollha ta' tassazzjoni u sigurtà soċjali rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Ir-remunerazzjoni ta' €22,000 (VAT eskluża iżda inkluż kull taxxa jew spiża) kull sena għal 40 siegħa kull ġimgħa mill-uffiċċju u/jew fuq il-post kif meħtieġ.

Il-ħlas se jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti wara li jirċievi rċevuta b'numru tal-VAT validu.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma meħtieġa jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien mas-CV lil (contact@teatrumalta.org.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija t-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2022, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista ta' għażla.

Ċertifikati oriġinali u/jew xhieda għandhom jiġu pprovduti invarjabbilment għal verifika fl-intervista.

Is-6 ta' Mejju, 2022

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, SPORT, ŻGĦAŻAGĦ, RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' lnteress għas-servizzi ta':

Lott 1: Perit/i
Lott 2: Accountant/s

Biex jagħmlu parti minn grupp ta' professjonisti għal Kumitati Tekniċi skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 455.12, il-Kummerċjalizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet Sportivi, tal-1 ta' Jannar, 2017.

ls-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), qiegħed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni/kumpaniji/impriżi konġunti biex jiffurmaw parti minn grupp ta' Perit/i, Accountant/s u Avukat/i għall-formazzjoni ta'

Contract

The selected candidate will be awarded a three (3) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period of one (1) year, depending on his/her performance.

Answerable to the Head of Productions at Teatru Malta for Arts Council Malta, operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service. The selected service provider will be responsible for all the relevant taxation and social security contributions according to the national legislation.

The remuneration is of €22,000 (excluding VAT but including any other taxes or charges) per year for 40 hours per week from the office and/or on site as required.

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV to: (contact@teatrumalta.org.mt).

Closing date for applications is Monday, 16th May, 2022, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

Original certificates and/or testimonials are to be invariable produced for verification at the interview.

6th May, 2022

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of Interest for the services of:

Lot 1: Architect/s
Lot 2: Accountant/s

to form part of a pool of professionals for the formation of Technical Committees as per Subsidiary Legislation 455.12, Commercialization of Sports Facilities Regulations, dated 1st January, 2017.

The Permanent Secretary for the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) will be receiving applications from interested persons/companies/joint ventures/partnerships to form part of a pool of Perit/i, Accountant/s and Advocates for the formation of

Kumitati Tekniċi skont ilLeġiżlazzjoni Sussidjarja 455.12, il-Kummerċjalizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Faċilitajiet Sportivi, bid-data tal-1 ta' Jannar, 2017, għal kollaborazzjoni mal-Kummissjoni tal-Faċilitajiet Sportivi Kummerċjali.

Il-Kumitat Tekniku jiġi mwaqqaf kull darba li l-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni mingħand organizzazzjoni sportiva biex twettaq attività kummerċjali f'faċilità sportiva.

Għal kull applikazzjoni, il-Kumitat Tekniku għandu jkun kompost minn Perit, Accountant u Avukat flimkien ma' żewġ (2) persuni oħra nominati mill-Kummissjoni u jkollu d-dmirijiet li ġejjin:

a) Biex jevalwa l-applikazzjoni sottomessa minn organizzazzjoni sportiva u jwettaq il-ħidma kollha meħtieġa biex jivvaluta jekk l-istimi, il-pjanijiet u d-disinji ppreżentati għandhomx iwasslu għal tkabbir infrastrutturali, finanzjarju u sportiv tal-orgainizzazzjoni sportiva u biex jiġi vverifikat li t-termini ta' żmien proposti huma realistiċi;

b) Jipprovdi parir lill-applikant dwar kwalunkwe emenda li għandha ssir biex itejjeb l-applikazzjoni;

c) Jitlob lill-Awtorità tal-Artijiet biex tiddetermina l-valur stabbilit tal-art li fuqha hi mibnija l-faċilità sportiva u tiddetermina ċ-ċens u r-rati prospettivi li jridu jitħallsu fuq iż-żona kummerċjali skont ir-regolament 6;

d) Biex jevalwa jekk l-organizzazzjoni sportiva, jew operatur ieħor, għandhomx il-kapaċità finanzjarja jibdew l-attività kummerċjali u jekk humiex finanzjarjament vijabbli biex imexxu u jsostnu operazzjoni kummerċjali fit-tul;

e) Biex jippreżenta rapport finali lill-Kummissjoni fi tmiem il-proċess ta' evalwazzjoni li jkun fih raġunijiet dettaljati dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex taċċetta jew tirrifjuta l-applikazzjoni u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet kollha li bihom għandha tiġi kummerċjalizzata l-faċilità sportiva.

Dawk li għandhom l-intenzjoni li jesprimu l-interess tagħhom li jiġu kkunsidrati għal dan il-grupp professjonali jistgħu jirreferu għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 455.12 – Il-Kummerċjalizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Faċilitajiet Sportivi tal-1 ta' Jannar, 2017, għal aktar dettalji.

Il-pagament għall-ħidma elenkata hawn fuq għal kull Perit, Avukat u Accountant hija somma totali ta' €2,500.00 eskl. l-VAT kull wieħed għal kull proġett.

Individwi interessati li huma Periti jew Accountants jew kumpaniji/impriżi konġunti li jipprovdu servizzi ta' Perit u/jew Accountant/s jistgħu jippreżentaw l-interess tagħhom.

Eliġibbiltà

Kwalifiki ta' Perit u Accountant:

Technical Committees as per Subsidiary Legislation 455.12, Commercialization of Sports Facilities Regulations, dated 1st January, 2017, for collaborating with the Commercial Sports Facilities Commission.

A Technical Committee shall be formed every time the Commission receives an application by a sports organization to be able to carry out commercial activity in a sports facility.

For every application, the Technical Committee shall be composed of a Perit, Accountant and Advocate together, with two (2) other persons nominated by the Commission and shall have the following duties:

a) To evaluate the application by a sports organization and carry out all the necessary work to assess whether the business plan, estimates, plans and designs presented should lead to the infrastructural, financial and sporting growth of the sports organization and to verify that time frames proposed are realistic;

b) To provide advice to the applicant on any amendments to be made to the application for the purpose of improving it;

c) To request the Lands Authority to determine the established market value of the land over which the sports facility is built and determine the ground-rent and prospective rates to be paid over the commercial area according to regulation 6;

d) To evaluate whether the sports organization, or a proposed third-party operator, are financially capable to start the commercial activity and whether they are financially viable to manage and sustain a prolonged commercial operation;

e) To present a final report to the Commission at the end of the evaluation process containing detailed reasons as to whether the Commission should accept or refuse the application and setting out all the conditions under which the sport facility is to be commercialized.

Those intending to express their interest in being considered for the pool may refer to Subsidiary Legislation 455.12 – Commercialization of Sports Facilities Regulations dated 1st January, 2017, for further details.

The payment for the above listed work for each of the Perit and Accountant is as a lump sum of €2,500.00 excl. VAT each per project.

Interested individuals who are a Perit or Accountant or companies/joint venture/partnerships who provide services of a Perit/i and/or Accountants may submit their interest.

Eligibility

Perit and Accountant Certifications:

1. Provi ta' esperjenza fl-amministrazzjoni sportiva. Sottomissjoni mill-partijiet interessati għandha tinkludi evidenza ta' esperjenza rilevanti fil-forma ta' rapport jew testimonjanzi jew simili;

2. Kopja ta' warrant biex jaġixxi ta' Perit/i jew Accountant/s;

3. Ċertifikat/i tal-Kondotta tal-Pulizija (maħruġ fl-aħħar sitt xhur); u

4. Kopja tal-karta tal-identità u Ċertifikat tal-Kumpanija, jekk applikabbli.

L-Espressjonijiet ta' Interess għandhom jaslu permezz ta' ittra elettronika lil (dgss.meyr@gov.mt) sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2022.

Aktar mistoqsijiet jew kjarifiki jistgħu jiġu sottomessi u jinkisbu permezz tal-indirizz elettroniku (dgss.meyr@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Skema Temporanja ta' Sussidju għall-Istabilizzazzjoni tal-Prezzijiet (Miżura ta' Emerġenza)

Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali (RAD) fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), qed iniedi Skema Temporanja ta' Sussidju għall-Istabilizzazzjoni tal-Prezzijiet (Miżura ta' Emerġenza) sabiex jiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel lokalment u jimmitiga ż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel li laqtet is-swieq dinjija tal-materja prima b'riżultat tal-kriżi fl-Ukrajna. Din l-Iskema tapplika għal importazzjoni ta' qamħ intiż għall-produzzjoni tad-dqiq lokali kif ukoll dqiq intiż għall-konsum uman; ċereali impurtati għal għalf tal-annimali għas-settur tat-trobbija tal-bhejjem; ċereali u materjal anċillari meħtieġ għal manifattura ta' għalf għall-annimali u għalf għall-annimali impurtati għal użu fis-settur tat-trobbija tal-bhejjem intiżi għas-suq lokali.

L-applikazzjoni u l-linji gwida jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali, Agriculture Research and Innovation Hub, l-Għammieri, Il-Marsa, billi tintalab kopja elettronika permezz ta' ittra elettronika lil (ruralaffairs.mafa@gov.mt).

Applikazzjonijiet mimlija kif dovut u ffirmati, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Mejju, 2022.

Is-6 ta' Mejju, 2022

1. Proven past experience in sports administration. Submission by interested parties shall include evidence of relevant experience in the form of reports or testimonials or similar;

2. Copy of warrant to act as Perit/i, and Accountant/s;

3. Police Conduct Certificate/s (issued in the last six (6) months)

4. Copy of Identity Card/s and Company Certificate, if applicable.

Expressions of interest will be received by email on (dgss.meyr@gov.mt) until noon of Friday, 20th May, 2022.

Further enquiries or clarifications can be submitted and obtained through the following email address (dgss.meyr@gov.mt).

6th May, 2022

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Temporary Price Stabilisation Subsidy Scheme (Emergency Measure)

The Rural Affairs Department (RAD), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights (MAFA), is launching a Temporary Price Stabilisation Subsidy Scheme (Emergency Measure) to guarantee local food security and mitigate the increase in price of food products triggered by the disruption of the global commodity markets due to the Ukraine Crises. This Scheme applies to imported wheat intended for local production of flour and imported flour intended for human consumption; imported cereals to be used as animal feeds for farming purposes; cereals and ancillary materials required for the manufacturing of animal feeds for farming purposes and imported animal feeds for farming purposes intended for the local market.

Application Forms and guidelines may be obtained from the Rural Affairs Department, Agriculture Research and Innovation Hub, Għammieri, Marsa by requesting an electronic copy by email to (ruralaffairs.mafa@gov.mt).

Duly filled and signed Application Forms and supporting documentation are to be received in electronic format by not later than noon of Friday, 20th May, 2022.

6th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' L-Imqabba.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-6 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of L-Imqabba.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

6th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tnejn, id-9, it-Tlieta, l-10 u l-Erbgħa, il-11 ta' Mejju, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' L-Imqabba.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-6 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Monday, 9th, Tuesday, 10th, and Wednesday, 11th May, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of L-Imqabba.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

6th May, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-13 ta' Mejju, 2022, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjon tista' tinkiseb permezz tan-numru tat-telefown 2555 5446/70/97, bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar, jew minn (auctions.tm@transport.gov.mt).

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by the 13th May, 2022, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2555 5446/70/97, between 7.30 a.m. and noon, or from (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Iveco	Turbo Daily	Iswed	DX855YV	Il-Furjana
Audi	A4	Silver	OV52YRX	San Ġwann
Suzuki	Maruti	Abjad	CBR267	Marsa Park and Ride
Peugeot	405	Aħmar	LAR836	Il-Mosta
VW	Polo	Blu	IBC226	L-Imġarr
Daihatsu	Charade	Abjad	BAD537	Tas-Sliema
Chevrolet	Kalos	Aħmar	HBO189	L-Iklin
Mercedes	A250E	Abjad	WF20GHH	Tas-Sliema
Hyundai	Santafe	Silver	BCE742	Ħal Lija
VW	Passat	Iswed	FCL258	Birżebbuġa
Peugeot	307	Gold	RDM001	Ħal Qormi
Peugeot	308	Iswed	JOE661	Ħal Qormi
Honda	Civic	Silver	ACS171	Bormla
Toyota	Dyna	Abjad	CCE456	Ħaż-Żebbuġ

Is-6 ta' Mejju, 2022

6th May, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami meħtieġ għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal Persuni li Jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Awtorizzazzjoni A u B – Frar 2022

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Is-6 ta' Mejju, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Authorisation Examination required for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations Authorisation A and B – February 2022

The Director of Examinations notifies that the final result of the abovementioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

6th May, 2022

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf li minn nhar l-Erbgħa, 18, sa nhar il-Ħadd, 22 ta' Mejju, 2022, se tingħalaq Pjazza Ninu Cremona għall-parkeġġ u t-traffiku għall-inġenji kbar il-ġranet kollha b'aċċess limitat għal karozzi żgħar minħabba esibizzjoni artistika tal-fjuri.

Is-6 ta' Mejju, 2022

IKLIN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Iklin Local Council notifies that from Wednesday, 18th May, 2022 till Sunday, 22nd May, 2022, Pjazza Ninu Cremona will be closed to parking all days with limited access to light vehicles only due to an artistic floral exhibition.

6th May, 2022

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf li nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, se ssir tellieqa 5K fil-Mosta. Ir-rotta tibda minn Pjazza Rotunda (parti minn Triq il-Kbira), Triq il-Kungress Ewkaristiku, parti minnVjal l-Indipendenza, Triq San Silvestru, Triq it-Torri, parti minn Triq Durumblat, Triq Tat-Torba, parti minn Triq Valletta u tispiċċa lejn Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Mejju, 2022, Triq il-Kungress Ewkaristiku se tkun magħluqa mis-7.00 a.m. sat-8.00 a.m.

Is-6 ta' Mejju, 2022

MOSTA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Mosta Local Council notifies that on Sunday, 29th May, 2022 at 7.00 a.m. a 5K road race will be held in Mosta. The route starts from Pjazza Rotunda (part of Triq il-Kbira), Triq il-Kungress Ewkaristiku, part of Vjal l-Indipendenza, Triq San Silvestru, Triq it-Torri, part of Triq Durumblat, Triq Tat-Torba, part of Triq Valletta and ends towards Triq il-Kungress Ewkaristiku.

On Sunday, 29th May, 2022, Triq il-Kungress Ewkaristiku will be closed from 7.00 a.m. till 8.00 a.m.

6th May, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022, mill-10.00 a.m. sal-11.00 a.m., Triq Fidiel Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku kollu. Ħadd ma jista' jipparkja matul dawn il-ħinijiet.

Is-6 ta' Mejju, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Thursday, 12th May, 2022, from 10.00 a.m. till 11.00 a.m., Triq Fidiel Zarb will be closed for all traffic. Parking of vehicles is not allowed on this day during these times.

6th May, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju, 2022, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann (minn The Golden Chick sal-klabb tal-futbol), Triq San Bartilmew, Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren u Vjal ir-Repubblika (minn Triq Emmanuel Perren kantuniera ma' Triq Vendome) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu.

Is-6 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022 sat-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m., Triq l-Indipendenza (mill-kantuniera ta' Triq Caravaggio sal-kantuniera ta' Triq Giuseppe Calì) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu.

Is-6 ta' Mejju, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.

Avviż Nru. 44. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' garaxx/maħżen Nru.9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D232_91_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €40,599 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mija u tlieta u tletin ewro (€13,533) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 45. Bejgħ tale quale ta' sit bl-istrutturi ta' fuqu bil-livelli kollha inklużi, li jinsab fuq in-naħa ta' wara ta' fond proprjetà ta' terzi f'Nru. 84, Triq Ta' Said, In-Nadur, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0668. Dan is-sit huwa mdawwar minn proprjetajiet ta' terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,880 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmintax-il elf

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Sunday, 8th May, 2022, from 9.00 a.m. till noon, Triq Stiefnu Zerafa, Triq San Ġwann (from The Golden Chick to football club), Triq San Bartilmew, Misraħ il-Knisja, Triq l-Oratorju, Triq Emmanuel Perren and Vjal ir-Repubblika (from Triq Emmanuel Perren corner with Triq Vendome) will be closed to all traffic.

6th May, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Monday, 9th May, 2022 till Monday, 13th June, 2022, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq l-Indipendenza (from corner of Triq Caravaggio to the corner of Triq Giuseppe Calì) will be closed for all traffic.

6th May, 2022

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 12th May, 2022.

Advt No. 44. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a garage/store No. 9, Old Slave Block, Triq San Duminku, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.232_91_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €40,599 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand five hundred and thirty-three euro (€13,533) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 45. Sale tale quale, of a site with structures theron and all levels included, which is situated at the back of third party owned premises at No. 84, Triq Ta' Said, Nadur, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2019_0668. This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,880 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand and eight hundred euro (€18,800) will not be considered.

u tmien mitt ewro (€18,800) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 46. Bejgħ tale quale tal-arja mill-għoli ta' tlettax-il (13) filata 'l fuq li tinsab fuq substation fi Triq it-Tin, Ta' Sannat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.154_99_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,221 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u erbgħin elf u mitejn u ħdax-il ewro (€42,211) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 47. Kiri tale quale għal perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx sal-għoli ta' ħdax-il (11) filata bl-arja mhux inkluża f'Nru. 3, Wesgħa Mattia Preti, Qasam tad-Djar Tal-Ħawli, Il-Birgu, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta' P.D.78_80_13_3. Dan il-fond jista' jintuża biss għal skop ta' ggaraxxjar ta' vetturi privati. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,487 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmien mija u disgħa u għoxrin ewro (€829) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2022.

Avviż Nru. 48 Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fis-17 ta' Novembru, 2026, tal-ħanut vojt f'Nru. 1, Triq Guliermo Lorenzi, Qasam tad-Djar Ħal Mula, Ħaż-Żebbuġ, Malta, kif muri bl-aħmar u mmarkat 'Shop No. 1' fuq il-pjanta P.D.85_81_7_A. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,140 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u seba' mija u tnax-il ewro u tmenin ċenteżmu (€1,712.80) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 49 Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt f'Nru. 1, Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar u

This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 46. Sale tale quale of the airspace from the height of thirteen (13) courses (filati) upwards overlying a substation at Triq it-Tin, Ta' Sannat, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.154_99_1. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,221 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-two thousand and two hundred and eleven euro (€42,211) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 47. Lease tale quale for a period of fifteen (15) years of a garage with the height of up to eleven (11) courses (filati) with the aispace not included at No. 3, Wesgha Mattia Preti, Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu, as shown edged in red on the plan P.D.78_80_13_3. This premises is to be used only for the garaging of private vehicles. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,487 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight hundred and twenty-nine euro (€829) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 19th May, 2022.

Advt No. 48. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 17th November, 2026, of the bare shop at No. 1, Triq Guliermo Lorenzi, Ħal Mula Housing Estate, Ħaż-Żebbuġ, Malta, as shown edged and in red and marked 'Shop No. 1' on plan P.D.85_81_7_A. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,140 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and seven hundred and twelve euro and eighty cents (€1,712.80) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 49. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop at No. 1, Triq iċ-Ċikas, Ħaż-Żabbar, as shown edged

mmarkat 'Shop No. 1' fuq il-pjanta P.D.37_81_57. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,337 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€445.73) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 50 Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-ħanut vojt f'Nru. 4, Blokk Nru. 3 Misraħ l-Awrekarja San Ġwann, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.135_81_34_1. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €2,065 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt mija u tmienja u tmenin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€688.31) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Is-6 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 27 ta' Mejju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-0509/22. Provvista ta' 'elastic adhesive strips dressings 4cm x 2cm'

CFT 020-0510/22. Provvista ta' 'wound closure steristrips'

CFT 019-0511/22. Provvista ta' fradal bojod li jitremew inkluż it-tneħħija ta' dispensers qodma u installazzjoni ta' dispensers ġodda b'kiri għat-tul ta' kuntratt ta' sentejn

and in red and marked 'Shop No. 1' on plan P.D.37_81_57. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,337 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred and forty-five euro and seventy-three cents (€445.73) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 50. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare shop at No. 4 at Block No. 3 Misrah L-Awrekarja, San Ġwann, as shown edged and in red on plan P.D.135_81_34_1. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,065 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six hundred and eighty-eight euro and thirty-one cents (€688.31) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 27th May, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-0509/22. Supply of elastic adhesive strips Dressings 4cm x 2cm

CFT 020-0510/22. Supply of wound closure steristrips

CFT 019-0511/22. Supply of white disposable aprons including the removal of old dispensers and the installation of new dispensers on loan for the duration of the two year contract

CFT 009-0512/22. Installazzjoni ta' 'passive network infratructure' fl-Information Management Unit, Unit Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm u żona tal-Għoti tad-Demm, l-Isptar San Luqa, Gwardamanġa

CFT 021-0513/22. Provvista ta' Miconazole u Hydrocortisone Cream

CFT 020-0514/22. Provvista ta' 'cellulose wadding rolls 500g'

CFT 009-0515/22. Provvista ta' 'microtome units' b'impatt ambjentali ridott

CFT 021-0516/22. Provvista ta' 'calcium folinate injections'

CFT 021-0517/22. Provvista ta' 'parenteral antidote' għal 'heavy metal poisoning' inkluż merkurju

CFT 021-0518/22. Provvista ta' 'actinomycin D 500mg vials'

CFT 021-0519/22. Provvista ta' 'bleomycin 15mg injections'

CFT 020-0520/22. Provvista ta' 'consumables' għal 'Lletz surgery'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-6 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0205U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

CFT 009-0512/22. Installation, of a passive network infratructure at the Information Management Unit, National Blood Transfusion Unit, and Blood Donation area, St Luke's Hospital, Guardamanġa

CFT 021-0513/22. Supply of Miconazole and Hydrocortisone Cream

CFT 020-0514/22. Supply of cellulose wadding rolls 500g

CFT 009-0515/22. Provision of microtome units with reduced environmental impact

CFT 021-0516/22. Supply of calcium folinate injections

CFT 021-0517/22. Supply of parenteral antidote for heavy metal poisoning including mercury

CFT 021-0518/22. Supply of actinomycin D 500mg vials

CFT 021-0519/22. Supply of bleomycin 15mg injections

CFT 020-0520/22. Supply of consumables for Lletz surgery

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0205U22 will be received up to noon on Monday, 9th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0305U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0305U22 will be received up to noon on Tuesday, 10th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0405U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0405U22 will be received up to noon on Wednesday, 11th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0505U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Erbgħa, 11 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0505U22 will be received up to noon on Wednesday, 11th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0605U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m tal-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022, għall:

Avviż Nru. RLC/T/204/22. Provvediment ta' servizzi ta' general hand fil-Kunsill Lokali r-Rabat.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI Ż-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex) jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ (Għawdex), permezz tal-ePPS, sal-10.30 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022, għal:

Avviż Nru. ZGLC/02/2022. Tneħħija ta' railing tal-ħadid qadim u manifattura u installazzjoni ta' composite railing fi Triq Santa Marija, Marsalforn,

Avviż Nru. ZGLC/03/2022. Provvista u installazzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq id-Duluri, Marsalforn.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 0605U22 will be received up to noon on Thursday, 12th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th May, 2022

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 10th June, 2022, for:

Advt No. RLC/T/204/22. Provision of services of a general hand at Rabat Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th May, 2022

ŻEBBUĠ (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Żebbuġ (Gozo) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żebbuġ (Gozo) Local Council through ePPS, up to 10.30 a.m. on Tuesday, 24th May, 2022, for:

Advt No. ZGLC/02/2022. Removal of an existing wrought iron railing and the manufacturing and installation of composite railing at Triq Santa Marija, Marsalforn,

Advt No. ZGLC/03/2022. Supply and installation of decorative luminaries in Triq id-Duluri, Marsalforn.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

Il-Kunsill Lokali l-Għasri jgħarraf illi:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022, jintlaqgħu kwotazzjonijiet fil-Kunsill Lokali l-Għasri, għal:

Kwot. No. (GSR/07/2022). Manutenzjoni u żamma ta' soft area fil-pjazza tal-Għasri.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Mejju, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th May, 2022

GĦASRI LOCAL COUNCIL

The Għasri Local Council notifies that:

Quotations will be received at the Għasri Local Council up till Thursday, 26th May, 2022, at 11.00 a.m., for:

Quot. No. (GSR/07/2022). Maintenance and upkeep of a soft area in Għasri square.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

750

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Jannar, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-konċessjoni oriġinali magħmula għal mija u ħamsin (150) sena illi bdew jiddekorru mis-sbatax ta' Ottubru, elf disa' mija ħamsa u sittin (17.10.1965) u rivedibbli kull mitt sena minn dik id-data, tal-fond semi basement garaxx numerat wieħed (1) li jifforma parti minn blokka ta' garaxxijiet u appartamenti bl-isem Mediterranean, fi Triq Aħdar,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 21st January, 2022, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 16th June, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following properties:

The temporary utile dominium for the remaining period of the original concession made for one hundred and fifty (150) years which commenced on the seventeenth October, one thousand, nine hundred and sixty five (17.10.1965) and revisable every one hundred years from that date, of the tenement semi basement garage numbered one (1) which forms part of a block of garages and apartments named

Marsaskala, b'entratura għalih permess ta' rampa diretta għal ġol-fond mit-triq prinċipali, Triq Aħdar, Marsaskala, u għall-aħjar identifikazzjoni tiegħu huwa l-ewwel wieħed fuq in-naħa tax-xellug inti u tħares lejn il-blokk ta' garaxxijiet illi minnu dan jifforma parti, sottostanti l-istess blokk ta' bini u konfinanti mix-Xlokk mal-imsemmija Triq, mill-Grigal u l-Majjistral ma' beni ta' Joseph u Isadora Chetcuti u Norman u Josephine Clews jew l-aventi kawża minnhom u kif suġġett għaċ-ċens annwali u temporanju canonae (u rivedibbli kull mitt sena mid-data indikata) ta' tmien ewro u sittax-il ċenteżmu (€8.16) rata tiegħu tal-annwu u temporanju canonae illi tkopri l-art kollha u għal dawk is-servitujiet inerenti fil-pożizzjoni tiegħu u stmat li jiswa ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Theuma Noel (KI 118476M) u Desira Loren (KI 237878M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 35/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Mediterranean, in Triq Aħdar, Marsaskala, with its entrance by means of a direct ramp to the tenement into the main road, Triq Ahdar, Marsascala, and for a better identification is the first one on the left side when one looks towards the block of garages that it is part of, underlying the same building block and is bounded southeast by the said street, northeast and northwest with property of Joseph and Isadora Chetcuti and Norman and Josephine Clews or their successors in title, and subject to annual and temporary ground rent canonae (and rivisable every one hundred years from the date indicated) of eight euro and sixteen cent (€8.16) its rate of annual and temporary canonae which covers the whole area and to those servitudes inherited from its position, and is valued at forty five thousand euro (€45,000).

The said tenement is the property of Theuma Noel (ID 118476M) and Desira Loren (ID 237878M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 35/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 29th April, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

751

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-6 ta' April, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 496/2020TA, li ġie ppreżentat fil-25 ta' Ġunju, 2020, fl-ismijiet David Vella (Trading) Ltd vs Popular Marketing Ltd, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' disgħa u għoxrin elf ewro, erba' mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€29,430.87ċ). Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment u bl-imgħax dekoribbli skont il-liġi kontra s-soċjetà intimata li r-rappreżentanti u uffiċjali tagħha huma minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar il-11 ta' Mejju, 2022, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Popular Marketing Ltd u Thomas Diacono, 53, il-Bitħa. Triq Ġ. Curmi, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Mejju 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order given by the Civil Court, First Hall, on 6th April, 2022, in the acts of the Sworn Application number 496/2020TA, which was filed on 25 June, 2020, in the names David Vella (Trading) Ltd vs Popular Marketing Ltd, was ordered the following publication, a tenor of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the respondent company to pay the applicant company the sum of twenty-nine thousand euro, four hundred and thirty euro and eighty-seven cents (€29,430.87c). With costs including those of the attachment warrant filed at the same time and with the interest decorable according to the law against the respondent company whose representatives and officers are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the above names is adjourned for hearing on 11th May, 2022, at 9.30 a.m.

Notice to Respondent: Popular Marketing Ltd and Thomas Diacono, 53, Il-Bitħa, Triq Ġ. Curmi, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 3rd May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

752

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' April, 2022, u dan wara Rikors b'numru 210/2022, Ordnat:

Li meta l-Att tat-Twelid ta' Alena Pirotta jiġi biex ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, isimha għandu jidher bħala Alena u li l-isem patronimiku tagħha Mikhailovna m'għandux jidher f'isimha.

Ordnat ukoll li dawn it-tibdiliet għandhom jiġu riflessi fl-Att taż-Żwieġ numru 108/2016 u fl-Att tat-Twelid ta' bintha numru 7803/2018.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum it-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th April 2022, and upon an application numbered 210/2022, Ordered:

that when the Act of Birth of Alena Pirotta comes to be registered in the Public Registry, her name should appear as Alena and that her patronimic name Mikhailovna should not appear in her name.

Furthermore it ordered that these changes should also be reflected in her Act of Marriage number 108/2016 and in her daughter's Act of Birth number 7803/2018.

Court of Revision of Notarial Acts, today Tuesday, 3rd May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

753

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' April, 2022, u dan wara Rikors b'numru 189/2022, Ordnat:

Il-korrezzjoni fl-Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' relattiva għal 'Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ' il-kunjom 'Soumana Diori' jiġi mħassar u sostitwit bil-kunjom 'Diori' u li dan isir ukoll għall-kunjom tal-mara fiż-żwieġ Maria Elena.

Il-korrezzjoni tal-istess Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 sabiex fil-kolonna intestata 'Data u Post tat-Twelid u Dokument ta' Identifikazjoni' relattiv għal 'Tagħrif dwar ir-raġel miżżewweġ' jitħassru l-kliem 'Zou Zou Beri' u jiġu sostitwiti bil-kelma 'Niamey'.

Il-korrezzjoni tal-istess Att taż-Żwieg li jġib in-numru 2256/2014 billi fil-kolonna intestata 'Isem, kunjom u kunjom xbubit l-Omm' il-kliem 'Fati Fattay née Fattay' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kliem 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumorou'.

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 6321/2016 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom' u kif ukoll fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' u dan inkwantu jirrigwarda l-kunjom tal-missier u l-omm, il-kliem 'Soumana Diori' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kelma 'Diori'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th April, 2022, and upon an application numbered 189/2022, Ordered:

The Correction in the Act of Marriage bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Name and surname' relating to 'Particulars of the husband' the surname 'Soumana Diori' is deleted and substituted by surname 'Diori' and that this is also reflected in the surname of the wife Maria Elena.

The Correction of the same Act of Marriage bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Date and Place of Birth and Identification Document' relating to 'Information on the husband' the words 'Zou Zou Beri' are deleted and substituted by the word 'Niamey'.

The correction of the same Marriage Act bearing the number 2256/2014 so that in the column headed 'Name, surname and maiden surname of the Mother' the words 'Fati Fattay née Fattay' are deleted and substituted by the words 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumorou'.

The correction in the Act of Birth bearing the number 6321/2016 so that in the column headed 'Name or names by which the child is to be called and surname' as well as in the column headed 'Name and Surname' relating to the father's and mother's surnames, the words 'Soumana Diori' are deleted and substituted by the word 'Diori'.

Il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru 2987/2020 sabiex fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u kunjom' u kif ukoll fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' u dan inkwantu jirrigwarda l-kunjom tal-missier u l-omm, il-kliem 'Soumana Diori' jiġu mħassra u sostitwiti bil-kelma 'Diori'. Kif ukoll id-dettalji tan-nanna materna (ġenitur 1(b)) għandhom jidhru bħala 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumorou'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum it-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

The correction in the Act of Birth bearing the number 2987/2020 so that in the column headed 'Name or names by which the child is to be called and surname' as well as in the column headed 'Name and Surname' relating to the father's and mother's surnames, the words 'Soumana Diori' are deleted and substituted by the word 'Diori'. Also as with regards to the details of the maternal grandmother (parent 1 (b)) this should appear as 'Fatoumata Fataye Oumarou née Oumorou'.

Court of Revision of Notarial Acts, today Tuesday, 3th May, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

754

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-30 ta' Marzu, 2022, u dan wara Rikors b'numru 226/2022, Ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjoni billi fil-kolonna relattiva tal-Att ta' Twelid ta' bint Rachel Ann Ramento Rodriguez li jġib in-numru 1091/2022, u ċjoè dik iintestatata 'particulars of the parent (2), Name and surname', wara l-kliem 'at birth' tiġi mħassra l-kelma 'Ramento' u minflok tidħol il-kelma 'Rodriguez'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illum it-Tlieta, 5 ta' April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 30th March, 2022, and upon an application numbered 226/2022, Ordered:

The Director of the Public Registry in order to affect the correction in the Act of Birth of the daughter of Rachel Ann Ramento Rodriguez bearing the number 1091/2022, whereby in the column entitled 'particulars of the parent (2), Name and surname ', after the words 'at birth' the word 'Ramento' is deleted and substituted by the word 'Rodriguez'.

Court of Revision of Notarial Acts, today Tuesday, 5th April, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

755

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Frar, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Perit Mario Pirotta (KI 557479M) ta' No. 3, Alley 1, Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ, Malta, ippreżentat Talba, fis-26 ta' Jannar, 2022, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Justin Mifsud (KI 598185M) ta' 10, Trapello, Triq is-Sebuqa, San Ġwann, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €735, liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 32/2022KCX) hija differita għad-9 ta' Mejju, 2022, fis-1.00 p.m.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 17th February, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Architect Mario Pirotta (ID 557479M) of No. 3, Alley 1, Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ, Malta, filed a Claim on the 26th January 2022, whereby he asked the Tribunal to condemn Justin Mifsud (ID 598185M) of 10, Trapello, Triq is-Sebuqa, San Ġwann, to pay the plaintiff the sum of €735, which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests

The case (Claim number 32/2022KCX), is deferred on the 9th May, 2022, at 1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

756

ARB/C030/2022 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Mejju, 2022, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Charmaine Galea, LLD). Kumpilazzjoni Numru 228/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

FUNSEN OSVALDO PINAS, diżokkupat, ta' 35 sena, iben il-mejjet Herman u Walda, imwieled Sipaliwini, Suriname, fis-19 ta' Jannar, 1987, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport Olandiż bin-numru NR975FR54.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' FUNSEN OSVALDO PINAS u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,076.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 5 ta' Mejju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

ARB/C030/2022 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st May, 2022, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD). Compilation Number 228/2022, in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Versus

FUNSEN OSVALDO PINAS, unemployed, 35 years, son of the late Herman and Walda, born in Sipaliwini, Suriname, on the 19th January, 1987, without a fixed address in Malta and holder of Dutch passport bearing number NR975FR54.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to FUNSEN OSVALDO PINAS and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,076.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 5th May, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

757

ARB/C025/2020 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-6 ta' Settembru, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella M. Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni numru 394/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

ALDO CUTAJAR, uffiċjal pubbliku, ta' 57 sena, iben il-mejjet John u Maria Carmela xebba Cremona, imwieled Ħ'Attard, Malta, fit-28 ta' Mejju, 1964, residenti ġewwa 345, Yintai, Triq San Pawl, In-Naxxar, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 297364M.

ISABEL CUTAJAR, diżokkupata, ta' 53 sena, bint Anthony Schembri u Pauline Schembri xebba Pisani, imwieldha Ħ'Attard, Malta, fid-9 ta' Lulju, 1968, residenti 345, Yintai, Triq San Pawl, In-Naxxar, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 287068M.

U

GEMINI DESIGNS STUDIOS LIMITED

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat ALDO CUTAJAR sabiex iħallas lill-Bank of Valletta plc il-bilanċ pendenti fl-ammont ta' elf, mitejn u erbgħa u tmenin ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€1,284.63) mill-kont tal-bank intestat f'ismu li jispiċċa -1017 miżmum mal-Bank of Valletta plc, u AWTORIZZAT lill-imputata ISABEL CUTAJAR sabiex tħallas lill-Bank of Valletta plc il-bilanċi pendenti fl-ammonti ta' seba' mija u disa' ewro u dsatax-il ċenteżmu (€709.19), u mitejn u wieħed ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€201.47) mill-kont tal-bank intestat f'isimha li jispiċċa -0434 miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Josette Demicoli, LLD), fis-16 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta' Awwissu, 2020, u wara digriet bl-estenzjoni tal-ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech, LLD), fl-24 ta' Awwissu, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Awwissu, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ALDO CUTAJAR, ISABEL CUTAJAR u Gemini Designs Studios Limited.

ARB/C025/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 6th September, 2021, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 394/2020 in the case:

The Police
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

ALDO CUTAJAR, public officer, 57 years, son of the late John and Maria Carmela née Cremona, born in Ħ'Attard, Malta, on the 28th May, 1964, residing at 345, Yintai, Triq San Pawl, Naxxar, and holder of Maltese identity card bearing number 297364M.

ISABEL CUTAJAR, unemployed, 53 years, daughter of Anthony Schembri and Pauline Schembri née Pisani, born in Ħ'Attard, Malta, on the 9th July, 1968, residing at 345, Yintai, Triq San Pawl, Naxxar, and holder of Maltese identity card bearing number 287068M.

AND

GEMINI DESIGNS STUDIOS LIMITED

The Court AUTHORIZED the accused ALDO CUTAJAR to pay Bank of Valletta plc the pending balance in the amount of one thousand, two hundred and eighty-four euro and sixty-three cents (€1,284.63) from the bank account held in his name ending -1017 held by Bank of Valletta plc, and AUTHORISED the accused ISABEL CUTAJAR to pay Bank of Valletta plc the pending balances in the amounts of seven hundred and nine euro and nineteen cents (€709.19), and two hundred and one euro and forty-seven cents (€201.47) from the bank account held in her name ending -0434 held by Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Section 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Josette Demicoli, LLD), on the 16th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 21st August, 2020, and following the extension of the freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LLD), on the 24th August, 2020, which was published in the Government Gazette on the 27th August, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ALDO CUTAJAR, ISABEL CUTAJAR and Gemini Designs Studios Limited.

Illum 5 ta' Mejju, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

Today 5th May, 2022

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

758

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' April, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Mangion vs Deborah Seychell, Rikors numru 43/2022NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Deborah Seychell a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Mangion (KI 900048M) vs Deborah Seychell (KI 683560M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-18 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti Joseph Mangion (KI 900048M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jistabbilixxi jekk l-intimata Deborah Seychell tikkwalifikax biex tkompli tikri l-fond numru 72 ġja numru 173, fi Triq il-Kbira ġja Triq Raymond Caruana, Il-Gudja, u dan permezz tat-test tal-mezzi;

2. Fil-każ li tikkwalifika, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda, jordna r-reviżjoni fil-kera sa 2% tal-valur tal-proprejtà bl-għajnuna tal-periti nominandi li jagħmlu valutazzjoni tal-fond skont il-valur tiegħu fis-suq tal-lum, kif ukoll jordna lill-intimata tħallas lir-rikorrent il-kera stabbilita;

3. Jew alternattivament f'każ li jirriżulta li l-intimata ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tal-intimata u lill-intimata tħallas kumpens pagabbli lir-rikorrent għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu.

Bl-ispejjeż u mgħaxijiet legali kontra l-intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor spettanti lir-rikorrenti.

Rikorrenti: 20, Satis, Triq il-Venewwa, Il-Fgura

Intimata: 72, Triq Raymond Caurana, Il-Gudja
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Mangion vs Deborah Seychell, Rikors numru 43/2022NB, jinsab differit għat-13 ta' Mejju, 2022, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 7th April, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Mangion vs Deborah Seychell, Application number 43/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Deborah Seychell in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Joseph Mangion (ID 900048M) vs Deborah Seychell (ID 683560M) filed in the Rent Regulation Board, on the 18th January, 2022, the applicant Joseph Mangion (ID 683560M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Determine whether the respondent Deborah Seychell qualifies to continue leasing the premises number 72 previously 173, in Triq il-Kbira, formerly Triq Raymond Caruana, Gudja, and this by means of the means test;

2. In case she qualifies, establish new conditions, order the revision of the rent up to 2% of the value of the property with the assistance of nominated architects who make an assessment of the premises according to its value in the real market today, and also order the repsondent to pay the applicant the established rent;

3. Or alternatively in the event that the respondent does not meet the criteria of the income and capital of the means test, order the eviction of the respondent and the respondent pay the applicant a compensation for the occupation of the premises during the said period.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action due to the applicant.

Applicant: 20 Satis, Triq il-Venewwa, Fgura

Respondent: 72, Triq Raymond Caruana, Gudja
Housing Authority

The application in the names Joseph Mangion vs Deborah Seychell, Application number 43/2022NB has been postponed for hearing to the 13th May, 2022, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

759

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-21 ta' Mejju, 2021, fuq talba ta' Radostina Koleva Ishaq ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Khawar Ishaq, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 244/2020AGV, fl-ismijiet Radostina Koleva Ishaq vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Diċembru, 2020, fl-ismijiet Radostina Koleva-Ishaq (KI 0234339A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Khawar Ishaq (passaport numru MF1844331), fejn ir-rikorrenti Radostina Koleva-Ishaq talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet li ġie ċċelebrat fit-23 ta' Ġunju, 2012;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 244/2020 AGV fl-ismijiet Radostina Koleva Ishaq vs Khawar Ishaq jinsab differit għas-17 ta' Mejju, 2022, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Sea Scape, Blk C, Fl 17, Triq l-Imrejkba, San Pawl il-Baħar

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imhallef Miriam Hayman, LLD, Duttur tal-Liġi.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 21st May, 2021, following a request of Radostina Koleva Ishaq it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Khawar Ishaq, in the records of the Sworn Application 244/2020 AGV, in the names Radostina Koleva-Ishaq vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an application, filed, in the Civil Court (Family Section), in the names Radostina Koleva-Ishaq (ID 0234339A) vs Deputy Curtors to represent the absentee Khawar Ishaq (passport number MF1844331), on the 21st December, 2020, the applicant Radostina Koleva Ishaq requested this Honourable Court to:

1. To pronounce the dissolution of the marriage between the parties celebrated on the 23rd June, 2012;

2. Orders the Registrar of Courts so that within the period stipulated for this purpose by the same Court, he informs the Director Public Registry with the dissolution of the marriage of the parties, so that it is registered in the Public Registry.

Gives any further directions that this Honourable Court deems fit and opportun.

The Sworn Appilication number 244/2020AGV in the names Radostina Koleva Ishaq vs Khawar Ishaq is postponed for hearing for the 17th May, 2022, at 9.00 a.m.

Applicant: Sea Scape, Blk C, Fl 17, Triq l-Imrejkba, St Paul's Bay

Respondents: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), abovementioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Miriam Hayman, LLD ,Doctor of Laws.

Illum 21 ta' Mejju, 2021

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 21st May, 2021

Registry of the Civil Court (Family Section), today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

760

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Malta Life Sciences Centre Limited vs Melissa Medi Limited, Rikors numru 795/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Melissa Medi Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Malta Life Sciences Centre Limited (C70599) vs Melissa Medi Limited (C72808) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-28 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti Malta Life Sciences Centre Limited (C70599) filwaqt Pierre Theuma (KI 403866M) Chief Executive Officer tas-soċjetà rikorrenti debitament awtorizzat bil-ġurament tiegħu talab lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur l-16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond LS2.04 u LS2.05 ġewwa l-Malta Life Sciences Park fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann, fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dan l-istess Onorabbli Bord u tirrilaxxa l-pussess liberu u battal tal-istess fond;

3. Jikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' €44,321.87 inkluż il-VAT.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2369/19 kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni opra spettanti lis-soċjetà esponenti skont il-liġi anke għall-ħlas ta' korrispettiv sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Rikorrenti: Malta Enterprise, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà MEC 0001

Intimat: Melissa Medi Ltd, Horcy and Mare, Triq iż-Żnuber, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Malta Life Sciences Centre Limited vs Melissa Medi Limited, Rikors numru 795/2021NB, jinsab differit għas-16 ta' Mejju, 2022, fl-10.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 16th December, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Malta Life Sciences Centre Limited vs Melissa Medi Limited, Application number 795/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Melissa Medi Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Malta Life Sciences Centre Limited (C70599) vs Melissa Medi Limited (C72808) filed before the Rent Regulation Board, on the 28th October, 2021, the applicant Malta Life Sciences Park Limited (C70599) whilst Pierre Theuma (ID 403866M0 Chief Executive Officer as duly authorised confirmed on oath and requested this Honourable Board to:

1. To hear these proceedings without proceeding to trial in terms of Article 16A et sequitur of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Order the eviction of the respondent from the premises LS2.04 and LS2.05 in Life Sciences Park, Industrial Estate, San Ġwann, within a short and peremptory time that is fixed by this Honourable Board and leave the premises free and vacant;

3. Order the respondent to pay the amount of €44,321.87 including VAT.

With costs including those of the judicial letter number 2369/19 against the respondent company who is from now summoned so that a reference to her oath be made and reserving any other action against the respondent company by the applicant company according to law, including for the payment of compensation until the date of effective eviction.

Applicant: Malta Enterprise, Telgħet Gwardamanġa, Tal-Pietà MEC 001

Respondent: Melissa Medi Ltd, Horcy and Mare, Triq iż-Żnuber, Mosta

The application in the names Malta Life Sciences Centre Limited vs Melissa Medi Limited, Application number 795/2021NB, has been postponed for hearing to the 16th May, 2022, at10.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603